Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' April 2017
(OR. en)

8151/17

LIMITE

PECHE 148
CODEC 582

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0074 (COD)**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u dwar il-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1343/2011 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005<br>- Approċċ ġenerali |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża l-verżjoni konsolidata tat-test ta' kompromess tal-Presidenza, kif maqbula fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd.[1]

It-test imħassar immarkat bi [...] u t-test miżjud huwa sottolinjat.

[1] Fil-laqgħa tiegħu tas-6 u l-20 ta' April 2017.

(…)

# KAPITOLU I

# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

*Suġġett*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri tekniċi dwar:

(a) il-qbid u ħatt l-art tar-riżorsi tas-sajd; […]

(b) it-tħaddim tal-irkapti; u […];

(c) l-interazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd mal-ekosistemi tal-baħar.

*Artikolu 2*

*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-attivitajiet li jsiru minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u ċittadini tal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ewlenija tal-Istat tal-bandiera, fiż-żoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 5 kif ukoll minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi, u li jkunu rreġistrati fihom, meta jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. […]F'każijiet fejn is-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti f'reġjun partikolari, att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament jista' jipprevedi li l-partijiet rilevanti tal-Artikoli 11, 12, 13 jew 14, jew tal-Parti A tal-Annessi V sa X, jew tal-Parti C tal-Annessi V sa X, japplikaw ukoll għas-sajd rikreattiv. L-Artikolu 7 għandu japplika f'kull każ.

3. Soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 29 u 30, il-miżuri tekniċi stipulati f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd li jsiru biss bl-iskop ta':

(a) investigazzjonijiet xjentifiċi, u

(b) ripopolazzjoni jew trapjantar artifiċjali ta' speċijiet tal-baħar.

*Artikolu 3*

*Objettivi ġenerali u speċifiċi*

1. Bħala għodod li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), il-miżuri tekniċi għandhom jikkontribwixxu għall-objettivi tal-PKS stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u b'mod partikolari fil-paragrafi 2, 3 u 5(a), (c), (f), (i) u (j) ta' dak l-Artikolu.

2. […]B'mod partikolaril-miżuri tekniċi għandu jkollhom l-għan li […]:

(a) jtejbu kemm jista' jkun il-mudelli ta' sfruttament biex jipprovdu protezzjoni għall-ħut li għadu qed jikber jew għall-ġlejjeb tar-riżorsi bijoloġiċi [...] tal-baħar;

(b) jiżguraw li l-qabdiet aċċessorji ta' speċijiet tal-baħar elenkati fid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u ta' speċijiet sensittivi oħrajn li jirriżultaw mis-sajd jitnaqqsu kemm jista' jkun u, fejn possibbli, jiġu eliminati b'mod li ma jikkostitwixxix theddida għall-istat ta' konservazzjoni ta' dawn l-ispeċijiet;

(c) jiżguraw li l-impatti ambjentali tas-sajd fuq il-ħabitats tal-baħar jitnaqqsu kemm jista' jkun [...];

(d) jikkontribwixxu biex jiġu stabbiliti miżuri b'rabta mal-ġestjoni tas-sajd biex ikun hemm konformità mal-obbligi skont id-Direttivi 92/43/KEE, 2009/147/KE, 2008/56/KE u 2000/60/KE.

*Artikolu 4*

*Miri*

1. Il-miżuri tekniċi għandu jkollhom l-għan li jiżguraw [...]:

(a) [...] li l-qabdiet ta' speċijiet tal-baħar iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni [...] jitnaqqsu kemm jista' jkun f'konformità mal-Artikolu 2(2) [...] tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(b) [...] li l-qabdiet aċċessorji ta' mammiferi tal-baħar, rettili tal-baħar, għasafar tal-baħar u speċijiet oħrajn mhux sfruttati kummerċjalment ma jaqbżux il-livelli stipulati fil-leġislazzjoni tal-Unjoni u fi ftehimiet internazzjonali li huma vinkolanti għall-Unjoni.

(c) [...] li l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-ħabitats li jinsabu f'qiegħ il-baħar jikkonformaw mal-Artikolu 2(5)(j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. […]

2. Il-punt sa fejn ikunu nkisbu dawn il-miri għandu jiġi rieżaminat bħala parti mill-proċess ta' rappurtar stipulat fl-Artikolu 34.

*Artikolu 5*

*Definizzjoni taż-żoni tas-sajd*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ġeografiċi taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

(a) "Il-Baħar tat-Tramuntana" tfisser id-diviżjonijiet[2] IIa (Ilmijiet tal-Unjoni), IIIa u IV tal-ICES;

(b) "Il-Baħar Baltiku" tfisser id-diviżjonijiet IIIb, IIIc u IIId tal-ICES;

(c) "L-ilmijiet tal-Majjistral" tfisser is-subżoni V (esklużi Va u l-ilmijiet mhux tal-Unjoni ta' Vb), VI u VII tal-ICES;

(d) "L-ilmijiet tal-Lbiċ" tfisser is-subżoni VIII, IX u X tal-ICES (ilmijiet tal-Unjoni) u ż-żoni[3] CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0 (ilmijiet tal-Unjoni);

(e) "Il-Baħar Mediterran" tfisser l-ilmijiet marittimi tal-Mediterran lejn il-Lvant mil-linja 5°36′ tal-Punent;

(f) "Il-Baħar l-Iswed" tfisser l-ilmijiet tas-subżona ġeografika 29 tal-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) kif definiti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011[4] (ir-Riżoluzzjoni GFCM/33/2009/2);

---

2 Id-diviżjonijiet tal-ICES (Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) huma kif iddefiniti fir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

3 Iż-żoni CECAF (l-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant jew iż-żona tas-sajd prinċipali tal-FAO 34) huma kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

4 Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

(g) "Ir-Reġjuni Ultraperiferiċi" tfisser l-ilmijiet madwar ir-reġjuni ultraperiferiċi kif imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 349 tat-Trattat imqassma fi tliet baċiri: il-Punent tal-Atlantiku, il-Lvant tal-Atlantiku u l-Oċean Indjan bl-eċċezzjoni tal-Azores, ta' Madeira u tal-Gżejjer Kanarji;

(h) "Iż-Żona Regolatorja tan-NEAFC" tfisser l-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC li jinsabu barra mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-partijiet kontraenti kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5];

(i) "Iż-Żona ta' Ftehim tal-GFCM" tfisser il-Mediterran u l-Baħar l-Iswed u l-ilmijiet li jgħaqqduhom, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

*Artikolu 6*

*Definizzjonijiet tat-termini*

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, flimkien mad-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "mudell ta' sfruttament" tfisser kif il-mortalità [...] mis-sajd hi distribwita fil-profil tal-età u tat-tul ta' stokk partikolari;

---

5 Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 (ĠU L 348, 31.12.2010, p.17).

6 Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p.44).

(2) "selettività" tfisser espressjoni kwantitattiva li tindika l-probabbiltà li jinqabdu riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ta' ċertu daqs u/jew speċi […] […];

(3) […];

(4) "sajd dirett" tfisser sajd għal speċi definita jew taħlita definita ta' speċijiet li l-kompożizzjoni eżatta tagħhom tvarja minn reġjun għall-ieħor. Id-dettalji speċifiċi għal kull attività tas-sajd u l-miżuri tekniċi speċifiċi li japplikaw jinsabu fl-annessi V sa XI; […]

(5) "status ambjentali tajjeb" tfisser l-istatus ambjentali tal-ilmijiet tal-baħar kif definit fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/56/KE;

(6) "ħabitat sensittiv" tfisser ħabitat li l-istat ta' konservazzjoni tiegħu, inkluż il-firxa tiegħu u l-kundizzjoni (struttura u funzjoni) tal-komponenti bijotiċi u abijotiċi tiegħu, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. Il-ħabitats sensittivi jinkludu, b'mod partikolari, tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness I u ħabitats ta' speċijiet elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 92/43/KEE, ħabitats ta' speċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2009/147/KE, ħabitats li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE u ekosistemi tal-baħar vulnerabbli kif definiti skont l-Artikolu 2(b) tar-Regolament tal-Kunsill 734/2008[7];

(7) "speċi sensittiva" tfisser speċi li l-istat ta' konservazzjoni tagħha, inkluż il-ħabitat, id-distribuzzjoni, id-daqs tal-popolazzjoni u l-kundizzjoni tal-popolazzjoni tagħha, huwa affettwat b'mod negattiv minn pressjonijiet ġejjin minn attivitajiet tal-bniedem, inkluż l-attivitajiet tas-sajd. L-ispeċijiet sensittivi, b'mod partikolari, jinkludu speċijiet msemmija fl-Annessi II u IV tad-Direttiva 92/43/KEE, speċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE u speċijiet li l-protezzjoni tagħhom hija meħtieġa sabiex jiksbu status ambjentali tajjeb skont id-Direttiva 2008/56/KE;

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 734/2008 tal-15 ta' Lulju 2008 dwar il-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli f'ibħra internazzjonali mill-impatti ħżiena tal-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ. ĠU L 201, 15.7.2008, p.8.

(8) "speċijiet pelaġiċi żgħar" tfisser speċijiet bħall-kavalli, l-aringi, is-sawrell, l-inċova, is-sardin, l-istokkafixx, l-arġentina, il-laċċi koħol u l-imniefaħ;

(9) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali, li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi[…] tal-baħar bħal pereżempju għar-rikreazzjoni, it-turiżmu jew l-isport;

(10) "Kunsilli Konsultattivi" tfisser gruppi ta' partijiet ikkonċernati stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 43 tar-Regolament (UE) 1380/2013 [...];

(11) "xibka tat-tkarkir" tfisser irkaptu rmunkat b'mod attiv minn bastiment wieħed jew aktar tas-sajd u li jikkonsisti f'xibka [...] magħluqa fuq wara minn borża jew manka;

(11a) "irkaptu rmunkat" tfisser kwalunkwe xibka tat-tkarkir, tartarun Daniż, gangmu u rkaptu simili [...] li jiġi mċaqlaq b'mod attiv fl-ilma minn bastiment tas-sajd wieħed jew iktar jew minn kwalunkwe sistema mekkanizzata oħra;

(12) "[...] xibka tat-tkarkir tal-qiegħ" tfisser irkaptu tat-tkarkir magħmul u armat sabiex jitħaddem f'qiegħ il-baħar jew kważi;

(13) "[...] xibka tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi" tfisser [...] xibka tat-tkarkir tal-qiegħ irmunkata minn żewġ dgħajjes fl-istess ħin, kull waħda tirmunka naħa tax-xibka tat-tkarkir. Il-fetħa orizzontali tax-xibka tat-tkarkir tinżamm bid-distanza bejn iż-żewġ bastimenti waqt li jirmunkaw l-irkaptu;

(14) "xibka tat-tkarkir pelaġiku" tfisser xibka tat-tkarkir magħmula u armata sabiex topera f'nofs l-ilma;

(15) "xibka tat-tkarkir bi travu" tfisser irkaptu b'xibka tat-tkarkir miftuħa orizzontalment bi travu, ġewnaħ jew apparat simili [...];

(16) "tkarkir bl-impulsi elettriċi" tfisser xibka tat-tkarkir [...] li tuża kurrent elettriku [...] biex jinqabdu [...] riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; […]

(17) "tartarun Daniż jew tartarun Skoċċiż" tfisser tagħmir ċirkondanti u rmunkat, imħaddem minn dgħajsa permezz ta' żewġ ħbula twal (ħbula tat-tartarun) magħmul sabiex jidderieġi l-ħut lejn il-fetħa tat-tartarun. L-irkaptu hu magħmul minn xibka, li hi simili fl-għamla tagħha għal xibka tat-tkarkir tal-qiegħ [...];

(xx) "xbieki tat-tidwir" tfisser xbieki li jaqbdu l-ħut billi jduru magħhom kemm miż-żewġ naħat u kif ukoll minn taħt. Dawn jistgħu jkunu jew ma jkunux mgħammra b'ħabel tal-għeluq.

(18) "tartarun tal-borża u tartaruni tal-lampara" tfisser [...] kwalunkwe xibka tat-tidwir fejn il-qiegħ jingħaqad permezz ta' ħabel tal-għeluq li jinsab fil-qiegħ tax-xibka, li tgħaddi minn serje ta' anelli tul il-ħabel tal-art, li jippermetti li x-xibka tinġibed f'borża u tingħalaq;

(19) "gangmu" tfisser irkaptu li huwa jew irmunkat b'mod attiv mill-magna prinċipali tad-dgħajsa (gangmu rmunkat minn dgħajsa) jew miġbud b'winċ motorizzat minn bastiment ankrat (gangmu mekkanizzat) għall-qbid ta' bivalvi, gasteropodi jew sponoż u li jikkonsistu f'xibka borża jew f'basket tal-metall immuntati fuq qafas riġidu jew virga ta' daqs u forma varjabbli li l-parti ta' taħt tagħhom tista' ġġorr xafra barraxa li tista' tkun jew fit-tond, ippuntata jew bis-snien, u tista' wkoll tkun mgħammra bi skarpi u twavel tal-għadds. Xi gangmi huma mgħammra b'tagħmir idrawliku (gangmi idrawliċi). Il-gangmi miġbudin bl-idejn jew b'winċ manwali f'ilmijiet baxxi bi jew mingħajr dgħajsa għall-qbid ta' bivalvi, gasteropodi jew sponoż (gangmi tal-idejn) ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala rkaptu rmunkat għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(20) "xbieki statiċi" tfisser kwalunkwe tip ta' għażel, xibka tat-tħabbil jew parit [...] ankrat ma' qiegħ il-baħar [...] biex il-ħut jgħum fih u jitħabbel jew jeħel fix-xbieki;

(21) "għażel tat-tisqif" tfisser [...] kwalunkwe għażel [...], miżmum fuq [...] wiċċ il-baħar jew f'ċerta distanza taħtu permezz ta' apparat li jżomm f'wiċċ l-ilma, li jinġarr mal-kurrent jew liberament jew bid-dgħajsa li jkun imqabbad magħha. Dan jista' jkun mgħammar b'apparat intiż biex jistabbilizza x-xibka jew jillimita kemm tinġarr mill-kurrent [...];

(22) "[...] għażel" tfisser xibka statika magħmula minn [...] biċċiet ta' xbieki u miżmuma wieqfa fl-ilma permezz ta' sufruni u piżijiet. Dan [...] jitqabbad jew jista' jitqabbad ma' qiegħ il-baħar bi kwalunkwe mezz;

(23) "[…]xibka tat-tħabbil" tfisser [...]biċċiet ta' xbieki armati b'mod li x-xibka tiddendel fuq il-ħbula sabiex toħloq ammont akbar ta' tixbik maħlul mill-għażel. Ix-xbieki tat-tħabbil normalment ikollhom anqas affarijiet li jżommu fil-wiċċ fuq il-kalament tas-sufri u ma jkunux fl-għoli daqs l-għażel tal-qiegħ medju matul is-sajd, u jkunu mqabbdin, jew ikunu jistgħu jitqabbdu b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar;

(24) "parit [...]" tfisser xibka magħmula minn diversi [...] saffi ta' xbieki b'żewġ saffi fuq barra ta' daqs tal-malja kbir b'saff b'malja żgħira bejniethom u mqabbda, jew tista' titqabbad b'xi mezz ma' qiegħ il-baħar;

(25) "parit xkitt" tfisser kwalunkwe għażel tal-qiegħ li l-parti t'isfel tiegħu tkun ikkombinata ma' parit;

(26) "konzijiet" tfisser irkaptu magħmul minn lett ta' tul li jvarja [...] mgħammar b'bosta snanar fuq fergħat (snoods) [...] spazjati skont l-ispeċijiet immirati. Il-lett ikun ankrat orizzontalment jew qrib il-qiegħ, vertikalment, jew jitħalla jinġarr mal-kurrent fil-wiċċ;

(27) "nases u kavetti" tfisser nases f'għamla ta' gaġeġ jew qfief magħmula minn diversi materjali ddisinjati sabiex jaqbdu krustaċji, molluski jew ħut, li jitqiegħdu fuq, jew jiddendlu fuq qiegħ il-baħar, waħedhom jew f'ringieli konnessi bi ħbula [...] u li jkollhom fetħa waħda jew aktar jew punt ta' dħul wieħed jew aktar;

(28) "xlief" tfisser [...] xlief tas-sajd wieħed [...] b'rixa jew sunnara bil-lixka waħda jew aktar [...];

(29) "St.Andrew's cross" huwa ħattaf li jagħmel użu minn azzjoni simili għal dik ta' mqass sabiex jaħsad pereżempju l-molluski bivalvi jew il-qroll aħmar minn qiegħ il-baħar;

(30) "manka" tfisser l-aktar parti ta' wara tax-xibka tat-tkarkir, li tkun f'forma ta' ċilindru, jiġifieri bl-istess ċirkonferenza t-tul kollu, jew f'forma konika. Din hi magħmula minn panel wieħed jew aktar (biċċiet ta' xbieki) [...] imwaħħlin flimkien tul il-ġnub tagħhom [...] u jistgħu jinkludu l-biċċa miżjuda li tkun magħmula minn panel wieħed jew aktar li jkunu jinstabu eżatt quddiem il-manka *sensu stricto*;

(31) "daqs tal-malja" tfisser: […]

(i) għax-xbieki bl-għoqod: l-itwal distanza bejn żewġ ġonot opposti fl-istess malja meta din tkun mifruxa għalkollox;

(ii) għal xbieki mingħajr għoqod: id-distanza ta' ġewwa bejn il-ġonot opposti fl-istess malja meta din tkun mifruxa għalkollox tul l-itwal assi possibbli tagħha;

(32) "malja kwadra" tfisser [...] malja b'erba' naħat magħmula minn żewġ settijiet ta' vireg paralleli tal-istess tul nominali, fejn sett wieħed huwa parallel għall-assi lonġitudinali tax-xibka, u s-sett l-ieħor huwa perpendikulari għall-istess assi;

(33) "malja maqrut" [...] hi magħmula minn erba' naħat tal-istess tul fejn iż-żewġ dijagonali tax-xibka huma perpendikolari u wieħed mid-dijagonali hu parallel għall-assi lonġitudinali tax-xibka;

(34) "T90" tfisser xbieki tat-tkarkir, tartaruni Daniżi jew irkaptu rmunkat simili li għandu manka u biċċa tal-estensjoni prodotta minn tip ta' xbieki bil-malja forma ta' djamant imdawra 90° biex b'hekk id-direzzjoni prinċipali kif inhi għaddejja l-ispaga tax-xibka tkun parallela għad-direzzjoni tal-irmunkar;

(35) "fetħa għall-ħrib tat-tip Bacoma" tfisser panel ta' ħruġ fi xbieki b'malja kwadra mingħajr għoqod mwaħħla fil-panel ta' fuq ta' manka bit-tarf t'isfel tiegħu mhux aktar minn erba' malji mis-siegla tal-għeluq;

(36) "xibka passatur" tfisser biċċa xibka [...] mwaħħla maċ-ċirkonferenza sħiħa tax-xibka tat-tkarkir għall-gambli quddiem il-manka jew il-biċċa tal-estensjoni [...], li tiġi għall-ponta fejn hi mwaħħla mas-saff t'isfel tax-xibka tat-tkarkir tal-gambli. Toqba tal-ħruġ tinfetaħ fejn jiltaqgħu x-xibka passatur u l-manka, biex b'hekk tippermetti li l-ispeċijiet jew l-individwi li huma kbar wisq biex jgħaddu mill-passatur, jaħarbu, filwaqt li l-gambli jistgħu jgħaddu mill-passatur għal ġol-manka;

(37) "[...]il-waqgħa" [...] tfisser is-somma tal-għoli tal-malji (inkluż l-għoqod) f'xibka meta mxarrba u mġebbda perpendikolari mal-lett;

(38) "ħin ta' immersjoni jew żmien fl-ilma" tfisser il-perijodu mill-mument meta […]l-irkaptu jitniżżel l-ewwel darba fl-ilma sal-mument meta [...] l-irkaptu jittella' kompletament abbord il-bastiment tas-sajd;

(39) "sensuri ta' monitoraġġ tal-irkaptu" tfisser sensuri elettroniċi mill-bogħod li [...] jitpoġġew fuq [...] l-irkaptu biex iwettqu monitoraġġ tal-parametri ta' prestazzjoni ewlenin bħad-distanza bejn id-diriġenti jew [...] il-volum tal-qabda;

(40) "apparat akustiku deterrenti" tfisser [...] apparat [...] li għandu l-għanli [...] jiskoraġġixxilil ċerti speċijiet bħall-mammiferi tal-baħar [...] milli jersqu lejn l-irkaptu billi jibgħat sinjali akustiċi;

(41) "lett bin-naffara" (imsejħa wkoll linji tori) tfisser linji [...] b'żigarelli miġbuda minn punt għoli qrib il-poppa tal-bastimenti tas-sajd waqt li snanar bil-lixka jintużaw bl-iskop li jgerrxu l-għasafar tal-baħar mis-snanar;

(42) […]

(43) […]

(44) "ripopolazzjoni [...]" tfisser l-attività li jinħelsu annimali selvaġġi ħajjin ta' speċi magħżula f'ilmijiet fejn jeżistu b'mod naturali, sabiex tintuża l-produzzjoni naturali tal-ambjent akkwatiku biex jiżdied in-numru ta' individwi disponibbli għall-industriji tas-sajd u/jew jiżdied ir-reklutaġġ naturali;

(45) "trapjantar" tfisser il-proċess li bih speċi hija ttrasportata intenzjonalment u meħlusa mill-bniedem f'żoni b'popolazzjonijiet stabbiliti;

(46) "xkubetta li tispara foxxni" tfisser xkubetta li tinżamm fl-idejn, motorizzata pnewmatika jew mekkanikament li tispara foxxni għall-fini ta' sajd taħt l-ilma;

(xx) "tartaruni tax-xatt" tfisser xbieki tat-tidwir u tartaruni rmunkati mixħutin minn dgħajsa u rmunkati mix-xatt filwaqt li jiġu operati mill-kosta jew minn bastiment irmiġġat jew ankrat mal-kosta.

# KAPITOLU II

# MIŻURI TEKNIĊI KOMUNI

## TAQSIMA 1

### IRKAPTU U UŻI TAS-SAJD IPPROJBITI

*Artikolu 7*

*Irkaptu u metodi tas-sajd ipprojbiti*

Għandu jkun ipprojbit li jinqabdu jew jinħasdu speċijiet tal-baħar bl-użu tal-metodi li ġejjin:

(a) sustanzi tossiċi, stupefaċenti jew korruživi;

(b) kurrent elettriku bl-eċċezzjoni […] ta' fejn jiġi previst mod ieħor f'dan ir-Regolament jew fi kwalunkwe att ieħor tal-Unjoni. Derogi oħrajn jistgħu jiġu previsti f'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament meta il-metodi tas-sajd iwasslu għal benefiċċji għall-konservazzjoni ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk ta' metodi tas-sajd eżistenti;

(c) splussivi;

(d) imrietel pnewmatiċi jew strumenti ta' perkussjoni oħrajn;

(e) apparati rmunkati biex jinġabar il-qroll aħmar jew tipi ta' qroll oħrajn jew organiżmi li jixbhu lill-qroll;

(f) St Andrew's cross u ħattafa simili tiegħu, partikolarment għall-ħsad ta' qroll aħmar jew tipi ta' qroll oħrajn u speċijiet jixbhu lill-qroll;

(g) kwalunkwe tip ta' projettili, li jeskludi dawk li jintużaw f'attivitajiet ta' ħsad ta' ħut imrobbi, lanez miżmuma fl-idejn u xkubetti li jisparaw foxxni;

(h) […]

*Artikolu 8*

**[…]**

## TAQSIMA 2

## RESTRIZZJONIJIET ĠENERALI FUQ IRKAPTU TAS-SAJD U KONDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TIEGĦU

*Artikolu 9*

*Restrizzjonijiet ġenerali fuq l-użu ta' rkaptu rmunkat*

1. […] Għall-fini ta' dan l-artikolu id-daqs tal-malja tal-irkaptu rmunkat kif stipulat fl-Annessi V-XI għandu jfisser id-daqs tal-malja ta' kwalunkwe manka jew biċċa tal-estensjoni misjuba abbord bastiment tas-sajd u mwaħħla ma' kwalunkwe xibka rmunkata jew li tkun adatta biex titwaħħal magħha. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal apparat tax-xbieki li jintuża biex jitwaħħlu sensuri għall-monitoraġġ tal-irkaptu jew meta jintuża flimkien ma' apparat għall-esklużjoni ta' ħut u fkieren tal-baħar. Derogi oħra jistgħu jiġu previsti f'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, fejn l-użu ta' malji iżgħar mid-daqs tal-malja tal-manka f'partijiet oħra tal-irkaptu rmunkat jirriżulta f'benefiċċji b'rabta mal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-anqas ekwivalenti għall-benefiċċji mill-metodi tas-sajd eżistenti.

x. Il-gangmi għandhom jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1. Madankollu, għandu jkun ipprojbit matul kwalunkwe vjaġġ meta jinġarru gangmi abbord:

(a) it-trasbord ta' organiżmi tal-baħar; u

(b) li tinżamm abbord jew li tinħatt kwalunkwe kwantità ta' organiżmi tal-baħar ħlief jekk mill-inqas 95% tal-piż tagħha tkun tikkonsisti minn molluski bivalvi, gasteropodi u sponoż.

Il-punt (b) ma għandux japplika għall-qabdiet inċidentali ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dawk il-qabdiet inċidentali għandhom jinħattu u jingħaddu u jitnaqqsu mill-kwoti.

2. Kull meta jkunu qegħdin jiġu rmunkati iktar minn xibka waħda minn bastiment tas-sajd jew minn iktar minn bastiment tas-sajd wieħed, kull xibka għandu jkollha l-istess daqs nominali tal-malja. Derogi oħrajn minn din id-dispożizzjoni jistgħu jiġu previsti f'att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament meta l-użu ta' diversi xbieki b'daqsijiet tal-malja differenti jwassal għal benefiċċji għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk tal-metodi tas-sajd eżistenti.

3. Għandu jkun ipprojbit li […] jintuża kwalunkwe apparat li jostakola jew li b'xi mod ieħor inaqqas b'mod effettiv id-daqs tal-malja tal-manka jew ta' kwalunkwe parti tal-irkaptu rmunkat. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex teskludi l-użu ta' apparat speċifikat li jintuża biex inaqqas it-tkagħbir bl-użu, sabiex isaħħaħ jew jillimita l-ħarba ta' qabdiet fil-parti ta' quddiem tal-irkaptu rmunkat.

4. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli dettaljati għall-ispeċifikazzjoni ta' manki u l-apparat imsemmi fil-paragrafu 3. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku u tekniku disponibbli u jistgħu jiddefinixxu, b'mod partikolari:

– ir-restrizzjonijiet fuq il-ħxuna tal-ispag;

– ir-restrizzjonijiet fuq iċ-ċirkonferenza tal-manki;

– ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' materjali tax-xbieki;

– l-istruttura u twaħħil ta' manki;

– l-apparat li jista' jintuża sabiex inaqqas it-tkagħbir bl-użu; u

– l-apparat li jista' jintuża sabiex jillimita l-ħarba ta' dak li jinqabad.

5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2).

*Artikolu 10*

*Restrizzjonijiet ġenerali fuq l-użu tax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif*

1. Għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jintuża għażel tat-tisqif wieħed jew aktar li t-tul individwali jew totali tiegħu huwa ta' aktar minn 2.5 kilometru.

2. Għandu jkun ipprojbit li jintuża għażel tat-tisqif sabiex jinqabdu l-ispeċijiet imniżżla fl-Anness III.

3. Minkejja dak li hemm fil-paragrafu 1 għandu jkun ipprojbit li jkun hemm abbord jew jintuża kwalunkwe għażel tat-tisqif fil-Baħar Baltiku.

4. Għandu jkun ipprojbit li jintużaw għeżula tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti biex jinqabdu l-ispeċijiet li ġejjin:

– Alonga (*Thunnus alalunga),*

– Tonn (*Thunnus thynnus),*

– Pixxiluna *(Brama brama),*

– Pixxispad *(Xiphias gladius),*

– Klieb il-baħar li jagħmlu parti mill-ispeċijiet li ġejjin jew mill-familji *Hexanchus griseus; Cetorhinus maximus;* l-ispeċijiet kollha tal-*Alopiidae; Carcharhinidae; Sphymidae; Isuridae; Lamnidae.*

xx1. B'deroga mill-paragrafu 4, il-qabdiet inċidentali ta' mhux iżjed minn 3 eżemplari tal-ispeċijiet ta' klieb il-baħar imsemmija fil-paragrafu 4 jistgħu jinżammu abbord jew jinħattu dment li ma jkunux speċijiet protetti skont il-liġi tal-Unjoni.

5. Fejn il-fond indikat fuq il-mappa nawtika jkun ta' iktar minn [...] 200 metru, l-ebda għażel tal-qiegħ, xibka tat-tħabbil u parit ma jista' jintuża tkun xi tkun il-pożizzjoni.

6. Minkejja l-paragrafu 5:

– derogi speċifiċi kif speċifikati fl-Anness V Parti C punt 6; l-Anness VI Parti C punt 6 u 9 u l-Anness VII Parti C punt 4 għandhom japplikaw bejn 200 u 600m,

– l-użu ta' għażel tal-qiegħ, xibka tat-tħabbil u pariti fi kwalunkwe pożizzjoni fejn il-fond indikat fuq il-mappa nawtika jkun ta' iktar minn 200 m għandu jkun permess fiż-żona tas-sajd definita fl-Artikolu 5(e).

## TAQSIMA 3

### PROTEZZJONI TA' SPEĊIJIET U ĦABITATS SENSITTIVI

*Artikolu 11*

*Speċijiet [...] ipprojbiti*

1. Il-qbid[...], iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art ta' speċijiet ta' ħut jew frott tal-baħar bil-qoxra msemmija fl-Anness IV għad-Direttiva 92/43/KEE għandu jkun ipprojbit ħlief meta [...] jingħataw derogi [...] skont l-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva.

2. Minbarra l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-bastimenti tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu, iżommu abbord, jittrasbordaw, iħottu, jaħżnu, jbiegħu, juru jew joffru għall-bejgħ l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament jew ipprojbiti milli jistadu f'konformità ma' atti legali oħrajn tal-Unjoni.

3. Meta jinqabdu inċidentalment, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u 2 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu lura l-baħar immedjatament.

4. Fejn l-aħjar parir xjentifiku disponibbli juri li hemm bżonn emenda fil-lista fl-Anness I [...], il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta emendi bħal dawn permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32.

5. Il-miżuri adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-mira stipulata fl-Artikolu 4(1)(b) u jistgħu jieħdu kont tal-ftehimiet internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' speċijiet sensittivi.

*Artikolu 12*

*Qabdiet aċċessorji ta' mammiferi tal-baħar, għasafar tal-baħar u rettili tal-baħar*

1. Il-qbid, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art [...] ta' mammiferi tal-baħar jew rettili tal-baħar imsemmija fl-Annessi II u IV għad-Direttiva 92/43/KEE u ta' speċijiet ta' għasafar tal-baħar koperti bid-Direttiva 2009/147/KE għandu jkun ipprojbit.

2. Meta jinqabdu inċidentalment, l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex issirilhom ħsara u għandhom jintefgħu l-baħar immedjatament.

3. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art tal-eżemplari ta' speċijiet tal-baħar imsemmija fil-paragrafu 1 li jkunu nqabdu inċidentalment, [...] għandu jkun permess dment li din l-attività tkun meħtieġa biex tiżgura assistenza fl-irkupru tal-annimali individwali u biex tkun tista' ssir riċerka xjentifika ta' eżemplari maqtula inċidentalment, dment li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kkonċernati jkunu ġew infurmati b'kollox minn qabel.

4. Abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, Stat Membru jista' jqiegħed fis-seħħ miżuri ta' mitigazzjoni jew restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti rkapti għal bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu […]. Dawn il-miżuri għandhom inaqqsu kemm jista' jkun u, fejn possibbli, jeliminaw il-qabdiet tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jew ta' speċijiet sensittivi oħrajn u għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 1380/2013 u jkunu mill-anqas stretti daqs il-miżuri tekniċi applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni.

5. Il-miżuri adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-mira stipulata fl-Artikolu 4(1)(b). Għal finijiet ta' kontroll, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Istati Membri kkonċernati l-oħra bid-dispożizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 4. Huma għandhom ukoll iqiegħdu informazzjoni adegwata dwar dawn il-miżuri għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

*Artikolu 13*

*Protezzjoni għal ħabitats sensittivi inklużi ekosistemi tal-baħar vulnerabbli*

1. Għandu jkun ipprojbit li jintuża l-irkaptu speċifikat fl-Anness II fiż-żoni rilevanti stipulati f'dak l-Anness.

2. Fejn l-aħjar parir xjentifiku disponibbli jirrakkomanda emenda tal-lista ta' żoni fl-Anness II, [...] il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta dawn l-emendi permezz ta' atti delegati, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) u 11(3) tar-Regolament (UE) 1380/2013. Meta tadotta emendi bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-mitigazzjoni ta' effetti negattivi kkaġunati mill-ispostament tal-attività tas-sajd għal żoni sensittivi oħrajn.

3. Fejn dawn il-ħabitats, kif definiti fil-paragrafu 1 jew ħabitats sensittivi oħrajn, ikunu jinstabu fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu s-setgħa jistabbilixxi żoni magħluqa jew miżuri ta' konservazzjoni oħrajn sabiex jipproteġi dawn il-ħabitats, kif definit fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu kompatibbli mal-objettivi tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 1380/2013 u jkunu mill-anqas stretti daqs il-miżuri tal-liġi tal-Unjoni.

4. Il-miżuri adottati skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-mira stipulata fl-Artikolu 4(1)(c).

## TAQSIMA 4

## DAQSIJIET MINIMI TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

*Artikolu 14*

*Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni*

1. Id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-baħar speċifikati fil-Parti A tal-Annessi V sa X ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw bil-għan li:

   (a) jiżguraw il-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber ta' speċijiet tal-baħar skont l-Artikolu 15(11) u 15(12) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) jistabbilixxu żoni ta' rkupru tal-istokkijiet tal-ħut [...] skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 1380/2013[...];

   (c) jikkostitwixxu d-daqsijiet minimi għall-kummerċjalizzazzjoni skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013.

2. Il-kejl tad-daqs ta' speċijiet tal-baħar għandu jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness IV.

3. Fejn hemm aktar minn metodu wieħed ta' kejl ta' speċi tal-baħar, l-eżemplari ma għandux jitqies li huwa iżgħar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni jekk id-daqs li jitkejjel bi kwalunkwe wieħed minn dawn il-metodi huwa ugwali għal, jew akbar mid-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni.

xx. L-awwisti Ewropej, l-awwisti u l-molluski bivalvi u gasteropodi li jappartjenu għal xi speċi li għalihom hu stabbilit daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni fl-Annessi V-VII, jistgħu jinżammu abbord biss sħaħ u jistgħu jinħattu biss sħaħ.

*Artikolu 15*

[…]

## TAQSIMA 5

### MIŻURI BIEX JITNAQQAS L-ISKARTAR

*Artikolu 16*

[…]

1. […]

2. […]

*Artikolu 17*

*[...]<u>Proġetti pilota biex jiġu evitati l-qabdiet inċidentali</u>*

1. <u>Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013</u>, l-Istati Membri jistgħu jwettqu proġetti pilota bil-għan li jesploraw metodi sabiex jevitaw [...] il-qabdiet inċidentali [...]. Dawn il-proġetti pilota għandhom jikkunsidraw l-opinjonijiet tal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti, u jkunu bbażati fuq l-aħjar parir xjentifiku disponibbli.

2. Fejn ir-riżultati ta' dawn l-istudji pilota jew parir xjentifiku ieħor jindikaw li l-qabdiet inċidentali [...] huma sinifikanti, l-Istati Membri <u>rilevanti</u> jistgħu jistabbilixxu miżuri tekniċi li jnaqqsu dawn il-qabdiet inċidentali f'konformità [...] mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 1380/2013. […]

# KAPITOLU III

# REĠJONALIZZAZZJONI

*Artikolu 18*

*[...]<u>Miżuri tekniċi reġjonali</u>*

1. Fl-Annessi li ġejjin ġew stipulati miżuri tekniċi <u>speċifiċi</u> [...] <u>li japplikaw fiż-żoni tas-sajd definiti fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament</u>:

(a) [...] l-Anness V għall-Baħar tat-Tramuntana;

(b) [...] l-Anness VI għall-Ilmijiet tal-Majjistral;

(c) [...] l-Anness VII għall-Ilmijiet tal-Lbiċ;

(d) [...] l-Anness VIII għall-Baħar Baltiku;

(e) [...] l-Anness IX għall-Mediterran;

(f) [...] l-Anness X għall-Baħar l-Iswed;

(g) [...] l-Anness XI għar-Reġjuni Ultraperiferiċi[…];

(h) l-Anness XII għal Ċetaċji u Għasafar tal-Baħar.

(xx1) Sabiex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet reġjonali tas-sajd rilevanti, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sabiex temenda, tissupplimenta, tħassar jew tidderoga mill-miżuri tekniċi stabbiliti fl-Annessi msemmija fil-paragrafu 1, inkluż fil-kuntest tal-pjan temporanju għall-iskartar imsemmi fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn l-atti abbażi ta' rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u f'konformità mal-Artikoli rilevanti tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament. L-atti adottati f'konformità ma' dan l-Artikolu jistgħu jinkludu wkoll il-miżuri stipulati fl-Artikoli 2(2), 7(b) u 9(1) u (2).

2. […]

3. […]Il-miżuri […] adottati f'konformità mal-paragrafu […] xx1 għandhom […] jikkonformaw mal-objettivi tal-Artikoli 2(2), 2(3) u 2(5)(a) u 2(5)(j) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għandhom iwasslu għal benefiċċji għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-miżuri tekniċi, kif stipulat fl-Annessi V sa XI. L-impatt potenzjali tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar għandu jiġi kkunsidrat ukoll.

xx2. Il-miżuri adottati f'konformità mal-paragrafu xx1:

(a) għandu jkollhom ukoll l-għan li jilħqu l-objettivi u l-miri stipulati fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament;

(b) għandu jkollhom ukoll l-għan li jilħqu l-objettivi u jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'atti rilevanti oħra tal-Unjoni adottat fil-qasam tal-PKS, b'mod partikolari fil-pjanijiet pluriennali msemmija fl-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; u

(c) għandhom ikunu wkoll ggwidati mill-prinċipji ta' governanza tajba stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; u

(d) għandhom ukoll jikkonformaw mal-kondizzjonijiet rilevanti stipulati fil-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament.

xx3. Fir-rakkomandazzjonijiet konġunti ppreżentati għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafu xx1, l-Istati Membri għandhom jipprovdu evidenza xjentifika biex jappoġġjaw l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri.

xx4. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-STECF biex jivvaluta r-rakkomandazzjonijiet konġunti msemmija fil-paragrafu xx1.

*Artikolu 19*

*[...]*

1. […]

2. […]

   (a) […]

   (b) […]

3. […]

4. […]

   (a) […]

   (b) […]

   (c) […]

5. […]

6. […]

*Artikolu 20*

*Selettività tal-irkaptu tas-sajd skont l-ispeċijiet u d-daqs*

1. […] Rakkomandazzjoni konġunta […] […] ppreżentata għall-fini tal-adozzjoni tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(xx1) b'rabta […] mal-karatteristiċi selettivi tal-irkaptu skont id-daqs jew l-ispeċi, […] għandha tipprovdi evidenza xjentifika li turi li dawk il-miżuri […]:

   jirriżultaw f'benefiċċji għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar li huma tal-inqas ekwivalenti […] f'dak li għandu x'jaqsam mal-limitazzjoni tal-qabdiet inċidentali u l-karatteristiċi marbutin mad-daqs u l-ispeċi għal dawk li jirriżultaw mill-miżuri eżistenti, għal speċijiet jew kombinazzjoni ta' speċijiet speċifiċi bħall-irkaptu stipulat fil-Parti B tal-Annessi V sa X u fil-Parti A tal-Anness XI. […]

2. […]

*Artikolu 21*

*Żoni magħluqin jew ristretti sabiex jipproteġu l-ħut li għadu qed jikber u l-ġlejjeb*

[…] Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 18 (xx1) li jemendaw jew jirrevokaw iż-żoni magħluqa jew ristretti elenkati fil-Parti C tal-Annessi V sa VIII u X u l-Parti B tal-Anness XI jew li jistabbilixxu żoni magħluqa jew ristretti ġodda [...] għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin fir-rigward ta' dawn iż-żoni magħluqa jew ristretti [...]:

– l-objettiv tal-għeluq;

– il-livell tal-għeluq u kemm ser idum l-għeluq;

– restrizzjonijiet fuq irkaptu speċifiku; u

– arranġamenti ta' kontroll u monitoraġġ.

*Artikolu 22*

*Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni*

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(xx1) [...] li jemendaw, iħassru jew jistabbilixxu daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni elenkati fil-Parti A tal-Annessi V sa X [...] għandhom jirrispettaw l-objettiv li jiżguraw il-protezzjoni ta' speċijiet tal-baħar li għadhom qed jikbru.

*Artikolu 23*

*Żoni li jingħalqu f'ħin reali u dispożizzjonijiet dwar meta żona tinbidel*

1. […] Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(xx1) li jippermettu li jinħolqu żoni li jingħalqu f'ħin reali […] bl-għan li jiżguraw il-protezzjoni ta' ħut li għadu qed jikber jew ta' ġlejjeb jew ta' speċijiet ta' frott tal-baħar bil-qoxra, […] għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin.

   – il-livell tal-għeluq u kemm ser idum l-għeluq;

   – l-ispeċijiet u l-livelli ta' limitu li jiskattaw l-għeluq;

   – […]

– l-użu ta' rkaptu selettiv ħafna li jippermetti l-aċċess għal żoni li kieku jkunu żoni magħluqin; u

– arranġamenti ta' kontroll u monitoraġġ.

2. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 18 (xx1) li jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar meta ż-żona tinbidel għandhom jinkludu:

– l-ispeċijiet u l-livelli ta' limitu li jiskattaw obbligu ta' bdil ta' żona;

– id-distanza li bastiment għandu jitbiegħed mill-pożizzjoni tas-sajd preċedenti tiegħu.

*Artikolu 24*

*Irkaptu innovattiv*

1. […] Rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata għall-fini li jiġu adottati l-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(xx1) biex jiġi permess l-użu jew jiġi estiż l-użu ta' irkaptu innovattiv […] f'baċir tal-baħar speċifiku […] għandu […] jkun fiha valutazzjoni tal-impatti probabbli tal-użu ta' tali irkapti fuq l-ispeċijiet immirati u fuq speċijiet u ħabitats sensittivi. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiġbru d-data xierqa meħtieġa għal din il-valutazzjoni.

2. […]

3. L-użu ta' rkaptu innovattiv ma għandux ikun permess fejn dawk il-valutazzjonijiet juru li l-użu tiegħu ser iwassal għal impatti negattivi sinifikanti fuq ħabitats sensittivi u speċijiet mhux fil-mira.

*Artikolu 25*

*Miżuri għall-konservazzjoni tan-natura*

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 18(xx1) [...]biex ikunu protetti speċijiet u ħabitats sensittivi, jistgħu b'mod partikolari:

– jiżviluppaw listi ta' speċijiet u ħabitats sensittivi li l-aktar huma f'riskju mill-attivitajiet tas-sajd fir-reġjun rilevanti abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

– jispeċifikaw l-użu ta' miżuri addizzjonali jew alternattivi [...] għal dawk imsemmija [...] fl-Anness [...] […]XII sabiex inaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet aċċessorji tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 12;

– […]

– jispeċifikaw ir-restrizzjonijiet fuq [...] it-tħaddim ta' rkaptu speċifikat jew jintroduċu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' ċertu rkaptu [...] f'żona fejn dan l-irkaptu jirrappreżenta theddida għall-istat ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet f'dik iż-żona kif imsemmi fl-Artikoli 11 u 12 [...] jew ħabitats sensittivi oħrajn [...].

*Artikolu 26*

*Miżuri reġjonali fil-qafas ta' pjanijiet ta' skartar temporanji*

1. […] Il-miżuri adottati f'konformità mal-Artikolu 18(xx1) fil-kuntest tal-pjanijiet ta' skartar temporanji msemmija fl-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013[…] jistgħu *fost l-oħrajn* jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) speċifikazzjonijiet dwar l-irkaptu u r-regoli li jirregolaw l-użu tiegħu;

(b) speċifikazzjonijiet dwar il-modifiki ta' rkaptu jew dwar l-użu ta' apparat selettiv sabiex tittejjeb is-selettività tad-daqs jew l-ispeċi;

(c) restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-użu ta' ċertu rkaptu, u fuq attivitajiet tas-sajd, f'ċerti żoni jew perijodi;

(d) daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom l-għan li jiksbu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3(2)(a) […].

*Artikolu 27*

*Atti ta' Implimentazzjoni*

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dan li ġej:

– l-ispeċifikazzjonijiet tal-apparat tal-għażla mwaħħal mal-irkaptu stipulati fil-Parti B tal-Annessi V sa [...] XI;

– regoli dettaljati dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-irkaptu deskritti fil-Parti E tal-Anness V b'rabta mar-restrizzjonijiet fuq il-bini ta' rkaptu u l-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ li ser jiġu adottati mill-Istat Membru tal-bandiera;

– regoli dettaljati dwar il-miżuri ta' kontroll u monitoraġġ li ser jiġu adottati mill-Istat Membru tal-bandiera meta jintuża l-irkaptu msemmi fl-Anness V Parti C punt 6, l-Anness VI Parti C punt 9 u l-Anness VII Parti C punt 4;

– regoli dettaljati dwar il-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ li jkunu ser jiġu adottati għaż-żoni magħluqin jew ristretti deskritti fl-Anness V Parti C punt 2, l-Anness VI Parti C punti 6 u 7;

– regoli dettaljati dwar il-karatteristiċi tas-sinjal u tal-implimentazzjoni ta' apparat akustiku deterrenti kif imsemmi […] fl-Anness[…][...] XII;

– regoli dettaljati dwar id-disinn u l-użu ta' lettijiet bin-naffara u linji mtaqqla kif imsemmi […] fl-Anness[…][…] XII.

2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità [...] mal-Artikolu 33(2) ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

# KAPITOLU IV

# […]

*Artikolu 28*

[…]

(a) […]

(b) […]

# KAPITOLU IV

# RIĊERKA XJENTIFIKA, RIPOPOLAZZJONI U TRAPJANTAR

*Artikolu 29*

*Riċerka xjentifika*

1. Il-miżuri tekniċi previsti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd li jitwettqu [...] għall-fini ta' investigazzjonijiet xjentifiċi soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-attivitajiet tas-sajd għandhom jitwettqu bil-permess u taħt l-awtorità tal-Istat Membru tal-bandiera;

(b) il-Kummissjoni u l-Istat Membru li fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu jitwettqu l-attivitajiet tas-sajd("l-Istat Membru tal-kosta"), għandhom jiġu infurmati tal-anqas ġimagħtejn [...] qabel, bl-intenzjoni li jkunu ser jitwettqu attivitajiet tas-sajd bħal dawn, u għandhom jiġu inklużi dettalji dwar il-bastimenti involuti u l-investigazzjonijiet xjentifiċi li jkunu ser isiru;

(c) il-bastiment jew bastimenti li jwettqu l-attivitajiet tas-sajd għandu jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) 1224/2009;

(d) jekk issir talba mill-Istat Membru tal-kosta lill-Istat Membru tal-bandiera, il-kaptan tal-bastiment għandu jintalab itella' abbord osservatur mill-Istat Membru tal-kosta waqt l-attivitajiet tas-sajd, sakemm dan ma jkunx impossibbli għal raġunijiet ta' sigurtà.

2. L-ispeċijiet tal-baħar li jinqabdu għal finijiet speċifikati fil-paragrafu 1 jistgħu jinbiegħu, jinħażnu, jintwerew jew jiġu offruti għall-bejgħ, dment li jingħaddu skont il-kwoti f'konformità mal-Artikolu 33(6) tar-Regolament (KE) 1224/2009 u:

(a) jilħqu […] d-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni stipulati fl-Annessi IV sa VIII u X ta' dan ir-Regolament; jew

(b) jinbiegħu għal finijiet li mhumiex dawk tal-konsum dirett mill-bniedem.

*Artikolu 30*

*Ripopolazzjoni u trapjantar artifiċjali*

1. Il-miżuri tekniċi previsti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal attivitajiet tas-sajd li jitwettqu biss bil-għan ta' ripopolazzjoni jew trapjantar artifiċjali ta' speċijiet tal-baħar, dment li dawk l-attivitajiet isiru bil-permess u taħt l-awtorità tal-Istat Membru jew l-Istati Membri li jkollhom interess dirett b'rabta mal-ġestjoni.

2. Meta r-ripopolazzjoni jew trapjantar artifiċjali jsir fl-ilmijiet ta' Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħrajn, il-Kummissjoni u dawk l-Istati Membri kollha għandhom ikunu informati mill-anqas [...] 20 jum kalendarju minn qabel bl-intenzjoni li jitwettqu dawn l-attivitajiet tas-sajd.

# KAPITOLU VI

# […]

*Artikolu 31*

[…]

1. […]

2. […]

(a) […]

(b) […]

3. […]

# KAPITOLU XX

## Kondizzjonijiet marbutin mal-ispeċifikazzjonijiet għad-daqs tal-malja

### Artikolu X

1. Il-persentaġġi tal-qabdiet relatati mas-sajd dirett imsemmija fl-Annessi V sa XI għandhom ifissru l-persentaġġ minimu ta' speċijiet meħtieġ biex jikkwalifika għad-daqsijiet speċifiċi tal-malja stipulati fl-Annessi V - XI. Dawn il-persentaġġi huma mingħajr preġudizzju għall-obbligu li l-qabdiet jinħattu l-art li jinsab fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 1380/2013.

2. Il-persentaġġi tal-qabdiet għandhom jiġu kkalkulati bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha li jkunu abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art għal kull vjaġġ.

3. Il-persentaġġi tal-qabdiet imsemmija fil-paragrafu 2 jistgħu jiġu kkalkulati abbażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar.

4. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-piż ekwivalenti ta' ta' skampu sħiħ għandu jinkiseb billi l-piż tad-dnieb tal-iskampu jiġi mmultiplikat bi tlieta.

5. L-Istati Membri jistgħu joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għal bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom meta jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet tas-sajd filwaqt li jużaw il-malji ta' daqsijiet speċifiċi previsti fl-Annessi V-XI. Tali awtorizzazzjonijiet jistgħu jiġu sospiżi jew irtirati meta jkun instab li bastiment ma jkunx ikkonforma mal-persentaġġi definiti tal-qabdiet previsti fl-Annessi V-XI.

6. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1224/2009.

## KAPITOLU VII

## DISPOŻIZZJONIJIET PROĊEDURALI

*Artikolu 32*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikoli 2(xx), 7(1)(b), 9(1) u (2), 11, 13, 18, […] u 28 […] għal [perijodu ta' ħames snin] minn [----]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-[perijodu ta' ħames snin]. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien ta' tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel ma jintemm kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli <u>2(xx), 7(1)(b), 9(1) u (2),</u> 11, 13, <u>18,</u> […] <u>u</u> 28 […] tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

<u>xx.</u> <u>Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.</u>

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. L-att delegat adottat skont l-Artikoli <u>2(xx), 7(1)(b), 9(1) u (2),</u> 11, 13, <u>18,</u> […] u 28 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

6. […]

7. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat adottat skont l-Artikolu 31 f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 5. F'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att mingħajr dewmien wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

*Artikolu 33*

*Proċedura tal-Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit mill-Artikolu 47 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 182/2011.

3. […]

# KAPITOLU VIII

# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 34*

*Analiżi u rapportar*

1. Sal-aħħar tal-[2020 u kull tliet snin] minn hemm 'il quddiem, u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u l-Kunsilli Konsultattivi rilevanti u wara l-evalwazzjoni mill-STECF, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu jivvaluta kemm il-miżuri tekniċi, fil-livell reġjonali kif ukoll fil-livell ta' Unjoni, ikkontribwixxew biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 3 u biex jintlaħqu l-miri stipulati fl-Artikolu 4.

2. Abbażi ta' dak ir-rapport, meta fil-livell reġjonali jkun hemm evidenza li l-objettivi u l-miri ma ntlaħqux, fi żmien [...] tnax-il xahar wara li jintbagħat ir-rapport kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri f'dak ir-reġjun għandhom jibagħtu pjan li jistipula l-azzjonijiet [...] li ser jittieħdu sabiex ikun żgurat li dawk l-objettivi u l-miri jkunu jistgħu jintlaħqu.

3. Il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kwalunkwe emenda meħtieġa f'dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' dak ir-rapport.

*Artikolu 35*

*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1967/2006*

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) għandhom jitħassru l-Artikoli 3, 8, 9, 10, 11, 12, 14, 15, 16 u 25;

(b) għandhom jitħassru l-Annessi [...] II, III u IV.

2. Ir-referenzi għall-Artikoli u l-Annessi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 36*

[…]

*Artikolu 37*

*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1224/2009*

Fir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, il-Kapitolu IV tat-Titolu IV għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) għandha titħassar it-Taqsima 3;

(b) għandha tiżdied it-Taqsima 4 li ġejja:

"TAQSIMA 4

"IPPROĊESSAR ABBORD U INDUSTRIJI TAS-SAJD TAL-ĦUT PELAĠIKU"

Artikolu 54a

Ipproċessar abbord

1. It-twettiq abbord bastiment tas-sajd ta' kwalunkwe proċessar fiżiku jew kimiku ta' ħut sabiex ikun prodott ħut mitħun, żejt tal-ħut, jew prodotti simili, jew li jkunu ttrasbordati qabdiet ta' ħut għal tali għanijiet għandu jkun ipprojbit.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika:

(a) għall-ipproċessar jew it-trasbord tal-ġewwieni tal-ħut; jew

(b) għall-produzzjoni ta' surimi abbord bastiment tas-sajd.

*Artikolu 54b*

*Trattament tal-qabdiet u restrizzjonijiet fuq ir-rimi lura tal-ħut fuq bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku*

1. L-ispazju massimu bejn il-vireg fis-separatur tal-ilma abbord bastimenti li jistadu għall-ħut pelaġiku u li għandhom fil-mira l-kavalli, l-aringi u s-sawrell u li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tan-NEAFC, hekk kif definita fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010, għandu jkun ta' 10 millimetri.

   Il-vireg għandhom jiġu wweldjati f'posthom. Jekk fis-separatur tal-ilma jintużaw toqob minflok vireg, id-dijametru massimu tat-toqob ma għandux jaqbeż l-10 millimetri. It-toqob fiż-żrieraq li jkunu quddiem is-separatur tal-ilma ma għandux ikollhom dijametru akbar minn 15-il millimetru.

2. Il-possibbiltà ta' rimi lura ta' ħut taħt il-livell tal-ilma tal-bastiment minn tankijiet protetturi jew minn tankijiet għall-ilma baħar imkessaħ (RSW) għandha tiġi pprojbita għall-bastimenti kollha tas-sajd pelaġiku li joperaw fiż-Żona ta' Konvenzjoni tan-NEAFC.

3. L-iskedi marbuta mat-trattament tal-qabdiet u mal-kapaċitajiet ta' rimi lura ta' ħut tal-bastimenti tas-sajd għall-ħut pelaġiku li fil-mira tagħhom ikollhom il-kavalli, l-aringi u s-sawrell fiż-Żona ta' Konvenzjoni tan-NEAFC, u li huma ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera, flimkien ma' kwalunkwe modifika li ssirilhom, għandhom jintbagħtu mill-kaptan tal-bastiment lill-awtoritajiet kompetenti tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastimenti għandhom iwettqu verifiki perjodiċi tal-livell ta' preċiżjoni tal-iskedi ppreżentati. Fuq il-bastiment għandha dejjem tinżamm kopja tagħhom.

Artikolu 54c

Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' apparat li jkun jista' jagħżel awtomatikament

1. Iż-żamma jew l-użu abbord ta' bastiment tas-sajd ta' apparat li jkun jista' jagħżel awtomatikament l-aringi jew is-sawrell jew il-kavalli skont id-daqs jew skont is-sess għandu jkun projbit.

2. Madanakollu, il-ġarr u l-użu ta' tali tagħmir għandu jkun permess jekk:

(a) il-bastiment ma jġorrx jew ma jużax abbord fl-istess ħin irkaptu rmunkat b'daqs tal-malja ta' inqas minn 70 [...] mm jew tartarun tal-borża waħda jew aktar jew irkaptu simili; jew

(b) il-qabda sħiħa li tista' tinżamm abbord legalment:

(i) tinħażen fi stat iffriżat;

(ii) il-ħut iggradat huwa ffriżat immedjatament wara li jiġi ggradat u l-ebda ħut iggradat ma jintefa' lura l-baħar; u

(iii) it-tagħmir ikun installat u jinżamm fuq il-bastiment b'tali mod li jiżgura l-iffriżar immedjat tal-ħut u ma jippermettix it-tfigħ lura fil-baħar tal-ispeċijiet tal-baħar.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 2, kwalunkwe bastiment awtorizzat li jistad fil-Baltiku, fil-Belts jew fis-Sound jista' jġorr tagħmir ta' għażla awtomatiku fil-Kattegat diment li jkun inħareġ permess għas-sajd skont l-Artikolu 7. Il-permess għas-sajd għandu jiddefinixxi l-ispeċijiet, iż-żoni, il-perijodi ta' żmien u kull kondizzjoni oħra applikabbli għall-użu u l-ġarr abbord tat-tagħmir ta' għażla."

xx. L-Artikolu 54c ma għandux japplika fil-Baħar Baltiku".

*Artikolu 38*

[…]

(1) […]

" (h) […]

(2) […]

[…]

*Artikolu 39*

*Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1380/2013*

Fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1380/2013, l-Artikolu 15(12) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Għall-ispeċijiet li mhumiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-qabdiet ta' speċijiet taħt id-daqs ta' referenza minimu għall-konservazzjoni ma jinżammux abbord imma jiġu rritornati immedjatament fil-baħar, ħlief meta jintużaw bħala lixka ħajja."

*Artikolu 40*

*Tħassir*

1. Ir-Regolamenti (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 għandhom jitħassru.

2. Ir-referenzi għar-Regolamenti li tħassru għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

3. Ir-Regolamenti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni Nru [...] għandhom jibqgħu japplikaw.

*Artikolu 41*

*Dħul fis-Seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**ANNESSI**

**ANNESS I**

**Speċijiet Ipprojbiti**

Għandu jkun pprojbit is-sajd, iż-żamma abbord, it-trasbord jew ħatt l-art tal-ispeċijiet li ġejjin għal bastimenti tal-Unjoni:

a) […]

b) […]

(i) […]

(ii) […]

(iii) […]

(iv) […]

(v) […]

c) […]

d) […]

e) […]

f) […]

g) […]

h) […]

(i) […]

(ii) […]

(iii) […]

(iv) […]

(v) […]

(vi) […]

(vii) […]

(viii) […]

(ix) […]

i) […]

j) […]

k) […]

l) […]

m) […]

n) is-salamun (*Salmo salar*) u t-trota tal-baħar (*Salmo trutta*) meta s-sajd isir bi kwalunkwe xibka rmunkata fl-ilmijiet 'il barra mil-limitu ta' sitt mili mkejjel mil-linji bażi tal-Istati Membri fis-subżoni I, II, IV, V, VI, VII, VIII, IX u X tal-ICES (ilmijiet tal-Unjoni);

o) l-awwisti, femminili mimlija bil-bajd (*Palinuridae spp.*) u l-awwista Ewropea (*Homarus gammarus*), femminili mimlija bil-bajd, fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha ħlief meta użati għal skopijiet ta' ripopolazzjoni, jew trapjantar diretti;

p) id-date shell (*Lithophaga lithophaga*) u l-folas komuni (*Pholas dactylus*) f'ilmijiet tal-Unjoni fil-Mediterran.

## ANNESS II

**Żoni magħluqin għall-protezzjoni ta' ħabitats sensittivi**

Għall-għanijiet tal-Artikolu 13, ir-restrizzjonijiet li ġejjin fuq l-attività tas-sajd huma applikabbli fiż-żoni magħluqin billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, imkejla skont is-sistema WGS84:

**Parti A**

**Ilmijiet tal-Majjistral**

1. Għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew xbieki rmunkati simili, għażel tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil jew pariti u konzijiet tal-qiegħ ġoż-żoni li ġejjin:

**Il-Provinċja tal-Belgica Mound:**

– 51°29.4' N, 11°51.6' W

– 51°32.4' N, 11°41.4' W

– 51°15.6' N, 11°33.0' W

– 51°13.8' N, 11°44.4' W

– 51°29.4' N, 11°51.6' W

**Il-Provinċja tal-Hovland Mound:**

– 52°16.2' N, 13°12.6' W

– 52°24.0' N, 12°58.2' W

– 52°16.8' N, 12°54.0' W

– 52°16.8' N, 12°29.4' W

- 52°04.2' N, 12°29.4' W
- 52°04.2' N, 12°52.8' W
- 52°09.0' N, 12°56.4' W
- 52°09.0' N, 13°10.8' W
- 52°16.2' N, 13°12.6' W

**Il-Majjistral tal-Porcupine Bank iż-Żona I:**

- 53°30.6' N, 14°32.4' W
- 53°35.4' N, 14°27.6' W
- 53°40.8' N, 14°15.6' W
- 53°34.2' N, 14°11.4' W
- 53°31.8' N, 14°14.4' W
- 53°24.0' N, 14°28.8' W
- 53°30.6' N, 14°32.4' W

**Il-Majjistral tal-Porcupine Bank iż-Żona II:**

- 53°43.2' N, 14°10.8' W
- 53°51.6' N, 13°53.4' W
- 53°45.6' N, 13°49.8' W
- 53°36.6' N, 14°07.2' W
- 53°43.2' N, 14°10.8' W

**Il-Lbiċ tal-Porcupine Bank**:

– 51°54.6' N, 15°07.2' W

– 51°54.6' N, 14°55.2' W

– 51°42.0' N, 14°55.2' W

– 51°42.0' N, 15°10.2' W

– 51°49.2' N, 15°06.0' W

– 51°54.6' N, 15°07.2' W

2. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku li jistadu fiż-żoni kif deskritt fil-punt 1 għandhom:

– ikunu f'lista ta' bastimenti awtorizzati u tinħarġilhom awtorizzazzjoni tas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

– iġorru abbord esklużivament irkaptu pelaġiku;

– jagħtu notifika erba' sigħat minn qabel bl-intenzjoni tagħhom li jidħlu f'żona għall-protezzjoni ta' ħabitats tal-qiegħ tal-baħar vulnerabbli liċ-Ċentru tal-Monitoraġġ tas-Sajd (ĊMS) kif definit fl-Artikolu 4(15) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u fl-istess waqt jinnotifikaw dwar il-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord;

– ikollhom Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) sikura u kompletament funzjonanti li tikkonforma bis-sħiħ mar-regoli rispettivi meta preżenti fi kwalunkwe waħda miż-żoni deskritti fil-punt 1;

– jagħmlu rapporti tal-VMS kull siegħa;

– jinformaw liċ-ĊMS Irlandiż li sejrin jitilqu miż-żona u fl-istess ħin jinnotifikaw dwar il-kwantità ta' ħut miżmuma abbord; u

– jkollhom abbord tkarkir b'daqs tal-malja tal-manka minn 16-79 mm.

**Darwin Mounds**

Għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew xbieki rmunkati simili fiż-żoni li ġejjin:

– 59°54' N, 6°55' W

– 59°47' N, 6°47' W

– 59°37' N, 6°47' W

– 59°37' N, 7°39' W

– 59°45' N, 7°39' W

– 59°54' N, 7°25' W

## Parti B

## Ilmijiet tal-Lbiċ

### 1. El Cachucho

1.1 Għandu jkun ipprojbit li jintużaw xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, għażel tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil jew pariti u konzijiet tal-qiegħ ġoż-żoni li ġejjin:

– 44°12' N, 5°16' W

– 44°12' N, 4°26' W

– 43°53' N, 4°26' W

– 43°53' N, 5°16' W

– 44°12' N, 5°16' W

1.2 Bastimenti li għamlu sajd dirett b'konzijiet tal-qiegħ fl-2006, 2007 u 2008 għal-lipp abjad (*Phycis blennoides*) jistgħu jibqgħu jistadu fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 44°00.00' N sakemm għandhom permess għas-sajd maħruġ skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

1.3 Il-bastimenti kollha li kisbu dan il-permess għas-sajd għandhom, irrispettivament mit-tul totali tagħhom, ikollhom fl-użu tagħhom VMS sikura kompletament funzjonanti operattiva li tikkonforma mar-regoli rispettivi, meta jistadu fiż-żona deskritta fil-punt 1.1.

### 2. Madejra u l-Gżejjer Kanarji

Għandu jkun ipprojbit li jintużaw għażel tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti f'fond ta' ikbar minn 200 m jew xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew irkaptu rmunkat simili fiż-żoni li ġejjin:

- 27°00' N, 19°00' W
- 26°00' N, 15°00' W
- 29°00' N, 13°00' W
- 36°00' N, 13°00' W
- 36°00' N, 19°00' W

**3. L-Azores**

Għandu jkun ipprojbit li jintużaw għażel tal-qiegħ, xbieki tat-tħabbil u pariti f'fond ta' ikbar minn 200 m jew xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew irkaptu rmunkat simili fiż-żoni li ġejjin:

- 36°00' N, 23°00' W
- 39°00' N, 23°00' W
- 42°00' N, 26°00' W
- 42°00' N, 31°00' W
- 39°00' N, 34°00' W
- 36°00' N, 34°00' W

## ANNESS III

**Lista ta' speċijiet li l-qabda tagħhom bl-għażel tat-tisqif hija pprojbita**

– Alonga: *Thunnus alalunga*

– Tonn: *Thunnus thynnus*

– Tonn obeż: *Thunnus obesus*

– Palamit: *Katsuwonus pelamis*

– Plamtu: *Sarda sarda*

– Tonn isfar: *Thunnus albacares*

– Tonn iswed: *Thunnus atlanticus*

– Kubrit: *Euthynnus* spp.

– Tonn tan-Nofsinhar: *Thunnus maccoyii*

– Tumbrell: *Auxis* spp.

– Abramida tal-oċean: *Brama rayi*

– Marlini: *Tetrapturus* spp.*;* *Makaira* spp.

– Sailfishes: *Istiophorus* spp.

– Pixxispad: *Xiphias gladius*

– Imsell*:* *Scomberesox* spp.*;* *Cololabis* spp.

– Lampuki: *Coryphœna* spp.

– Klieb il-baħar: *Hexanchus griseus; Cetorhinus maximus; Alopiidae; Carcharhinidae; Sphymidae; Isuridae; Lamnidae*

– Ċefalopodi: l-ispeċijiet kollha

## ANNESS IV

**Kejl tad-daqs ta' organiżmu tal-baħar**

1. Id-daqs ta' kull ħuta għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 1, mit-tarf ta' barra nett tal-ħalq sat-tarf tal-pinna tad-denb.

2. Id-daqs ta' skampu (*Nephrops norvegicus*) għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 2:

– jew bħala t-tul tal-karapaċa, parallel mal-linja tan-nofs, minn wara l-ħofra tal-għajn sal-punt tan-nofs tat-tarf tax-xifer dorsali tal-karapaċa, jew,

– bħala t-tul totali, mill-ponta tar-rostru sat-tarf ta' wara tal-aħħar segment tat-telson, li ma jinkludix is-setae,

– fil-każ ta' dnieb tal-iskampu maqtugħin: mit-tarf ta' quddiem tal-ewwel segment tad-denb sat-tarf ta' wara tat-telson, li ma jinkludix is-setae. Id-denb għandu jitkejjel ċatt, mhux stirat u fuq il-ġenb dorsali.

3. Id-daqs ta' awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) mill-Baħar tat-Tramuntana minbarra Skagerrak/Kattegat għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 3, bħala t-tul tal-karapaċa, parallel mal-linja tan-nofs, minn wara waħda mill-ħofor tal-għajnejn sat-tarf tax-xifer tal-karapaċa.

Id-daqs ta' awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) minn Skagerrak jew Kattegat għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 3:

– jew bħala t-tul tal-karapaċa, parallel mal-linja tan-nofs, minn wara waħda mill-ħofor tal-għajnejn sal-punt tan-nofs tat-tarf tax-xifer dorsali tal-karapaċa, jew,

– bħala t-tul totali, mill-ponta tar-rostru sat-tarf ta' wara tal-aħħar segment tat-telson, li ma jinkludix is-setae.

4. Il-qies tal-awwisti (*Palinuridae*) għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 4 bħala t-tul tal-karapaċa, parallel mal-linja tan-nofs, mill-ponta tar-rostru sal-punt tan-nofs tat-tarf tax-xifer dorsali tal-karapaċa.

5. Id-daqs ta' kull mollusk bivalv għandu jitkejjel kif muri fil-Figura 5, matul l-itwal parti tal-qoxra.

6. Id-daqs tal-għaġuża għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 6, bħala t-tul tal-karapaċa, tul il-linja tan-nofs, mit-tarf tal-karapaċa bejn ir-rostru u t-tarf ta' wara tal-karapaċa.

7. Id-daqs tal-granċ jittiekel għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 7, bħala l-wisa' massima tal-karapaċa mkejla perpendikolarment mal-linja tan-nofs antero-posterjori tal-karapaċa.

8. Id-daqs tal-bronja għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 8, bħala t-tul tal-qoxra.

9. Id-daqs tal-pixxispad għandu jitkejjel, kif muri fil-Figura 9, bħala t-tul mix-xedaq ta' isfel sal-furketta (LJFL).

Figura 1 Speċijiet tal-ħut



Figura 2 Skampu

(*Nephrops norvegicus)*




Figura 3 Awwista Ewropea

(*Hommarus gammarus*)



Figura 4 Awwisti

(*Palinurus* spp.)



Figura 5 Molluski bivalvi



Figura 6 Għeġejjeż

(*Maia squinada*)



Figura 7 Granċ jittiekel

(*Cancer pagarus*)



Figura 8 Bronja

(*Buccinum* spp)



Figura 9 Pixxispad

(*Xiphias gladius)*



## ANNESS V

## Il-Baħar tat-Tramuntana[8]

## Parti A

## Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Il-Baħar tat-Tramuntana |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 35 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 30 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 35 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | 30 cm |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 27 cm |
| Megrim *(Lepidorhombus* spp.) | 20 cm |
| Lingwata komuni (*Solea* spp.) | 24 cm |

8 Għall-fini ta' dan l-Anness:

- Kattegat hu limitat fit-Tramuntana b'linja mill-fanal tal-port ta' Skagen sal-fanal tal-port f'Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża, u fin-Nofsinhar b'linja minn Hasenøre Head sa Gniben Point, minn Korshage sa Spodsbjerg, u minn Gilbjerg Head sa Kullen.

- Skagerrak hu limitat fil-Punent minn linja mill-fanal tal-port ta' Hanstholm sal-fanal tal-port ta' Lindesnes, u fin-Nofsinhar b'linja mill-fanal tal-port ta' Skagen sal-fanal tal-port ta' Tistlarna, u minn hemm għall-eqreb punt fuq il-kosta Żvediża,

- Il-Baħar tat-Tramuntana għandu jinkludi s-subżona IV tal-ICES, il-parti li tmiss mad-Diviżjoni IIa tal-ICES li tinsab fin-Nofsinhar tal-latitudni 64º N, u dik il-parti tad-Diviżjoni IIIa tal-ICES li mhijiex koperta bid-definizzjoni ta' Skagerrak mogħtija fit-tieni inċiż.

| | |
|---|---|
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 27 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | 63 cm |
| Linarda (*Molva dipterygia*) | 70 cm |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) | Tul totali 85 mm,<br>Tul tal-karapaċa ta' 25 mm<br>Dnieb tal-iskampu 46 mm |
| Kavalli (*Scomber* spp.) | […]30 cm [x] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 20 cm [x] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15-il cm [x] |
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 12-il cm jew 90 individwu kull kilo [x] |
| Spnott (*Dicentrarchus labrax)* | 42 cm |
| Sardin (*Sardina pilchardus*) | 11 cm [x] |
| Awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) | 87 mm (tul tal-karapaċa) |
| Għaġuża (*Maja squinada*) | 120 mm |
| Imrewħa (*Chalamys* spp.*)* | 40 mm |
| Arzella nigra (*Ruditapes decussatus*) | 40 mm |
| Arzella (*Venerupis pullastra*) | 38 mm |
| Gandoffli tal-għonq qasir (*Venerupis philippinarum*) | 35 mm |

| | |
|---|---|
| Gandoffla (*Venus verrucosa*) | 40 mm |
| Kannellina (*Callista chione*) | 60 mm |
| Gandoffla tal-leħja (*Ensis* spp.) | 100 mm |
| Gandoffla Atalantika (*Spisula solida*) | 25 mm |
| Gandoffa Donax (*Donax* spp.) | 25 mm |
| Gandoffla fażola (*Pharus legumen*) | 65 mm |
| Bronja (*Buccinum undatum.*) | 45 mm |
| Qarnit (*Octopus vulgaris*) | 750 gramma |
| Awwisti (*Palinurus* spp.) | 95 mm (tul tal-karapaċa) |
| Gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris*) | 22 mm (tul tal-karapaċa) |
| Granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) | 140 mm [1,2,3,4] |
| Arzella tal-pellegrini (*Pecten maximus*) | 100 mm |

| Speċijiet | Skagerrak/Kattegat |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 30 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 27 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 30 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | - |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 30 cm |
| Megrim *(Lepidorhombus* spp.) | 25 cm |
| Lingwata komuni (*Solea* spp.) | 24 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 23 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | - |
| Linarda (*Molva dipterygia*) | - |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*) | Tul totali 105 mm<br>Dnieb tal-Iskampu 59mm<br>Tul tal-karapaċa 32 mm |
| Kavalli (*Scomber* spp.) | 20 cm[x] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 18 cm[x] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15 cm[x] |
| Awwista Ewropea (*Homarus gammarus*) | Tul totali 220 mm<br>Tul tal-karapaċa 78 mm |

[1] F'ilmijiet tal-Unjoni fid-diviżjoni IVa tal-ICES

[2] F'żona fid-Diviżjoni IVb, c tal-ICES limitata minn punt f'53°28'22″N, 0°09'24″E, fuq il-kosta tal-Ingilterra, linja dritta li tgħaqqad dan il-punt ma' 53°28'22″N, 0°22'24″E, il-fruntiera ta' 6 mili tar-Renju Unit, u linja dritta li tgħaqqad punt f'51°54'06″N, 1°30'30″E ma' punt fuq il-kosta tal-Ingilterra f'51°55'48″N, 1°17'00″ E, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 115-il mm.

[3] Għal granċijiet li jittieklu maqbudin f'nases u kavetti, massimu ta' 1 % bil-piż tal-qabda totali ta' granċ jittiekel tista' tikkonsisti f'idejn maqlugħin. Għal granċijiet li jittieklu maqbudin bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd ieħor, massimu ta' 75 kg ta' idejn maqlugħin ta' granċ jistgħu jinħattu l-art.

[4] Fiż-żona fin-Nofsinhar ta' 56° N, għajr id-Diviżjonijiet VIId, e, f tal-ICES u d-Diviżjonijiet IVb tal-ICES, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 130 mm.

[x] B'deroga mill-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardina, l-inċova, l-aringa, is-sawrell u l-kavall ma għandhomx japplikaw fi ħdan il-limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabdiet totali miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.

Il-perċentwal ta' sardin, inċovi, aringi, sawrell jew kavalli li jkunu iżgħar milli suppost għandu jiġi kkalkolat bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.

Il-perċentwal jista' jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, ħatt l-art, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.

## Parti B

## Qisien tal-malji

### 1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

Id-daqsijiet tal-malja […] li ġejjin għandhom japplikaw fil-Baħar tat-Tramuntana, […] Skagerrak u Kattegat, kif speċifikat fit-tabella ta' hawn taħt.

| […]Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 120 mm | Żona sħiħa | Xejn |
| Mill-inqas 100 mm | Baħar tat-Tramuntana fin-Nofsinhar ta' 57º 30'N | Sajd dirett għall-barbun tat-tbajja' u l-lingwata (50%) bix-xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti u t-tartaruni. Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 90mm. |
| Mill-inqas 90 mm | Skagerrak u Kattegat | Għandha titqabbad pannella ta' fuq b'daqs tal-malja (malja maqrut) ta' mill-inqas 270 mm jew b'daqs tal-malja (malja kwadra) ta' mill-inqas 140 mm[x] . |
| Mill-inqas 80mm[1] | Diviżjoni IVb tal-ICES[…] u Diviżjoni IVc tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata (15%) bi xbieki tat-tkarkir bi travu […]. Għandha titqabbad pannella b'daqs minimu tal-malja ta' mill-inqas 180 mm imwaħħla fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka.<br><br>Sajd dirett għall-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid (ikkombinat 55%). Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm. |

| | | |
|---|---|---|
| Mill-inqas 80 mm | [...]Il-Baħar tat-Tramuntana | F'sajd dirett għal *Nephrops norvegicus* (20%), [...] għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm jew gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti.<br><br>Sajd dirett għal speċijiet mhux koperti bil-limiti ta' qbid (40%). Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm.<br><br>Sajd dirett għar-rebekkini u r-raj (70%). |
| Mill-inqas 80 mm | Diviżjoni tal-ICES IV c | Sajd dirett għal-lingwata (15%) bi xbieki tat-tkarkir bi travu[xx]. Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm. |
| Mill-inqas 70mm (malja kwadra) jew 90mm (malja maqrut) | Skagerrak u Kattegat | Sajd dirett għal *Nephrops norvegicus* (30%). Għandha titqabbad gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |
| Mill-inqas 40 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-klamari (85%) (*Lolignidae, Ommastrephidae*) |
| Mill-inqas 32 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal *Pandalus borealis* (50%). Għandha titqabbad gradilja li tissepara bi spazju [...] massimu tal-vireg ta' 19-il mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |

| | | |
|---|---|---|
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar (80%).<br><br>Sajd dirett għall-merluzz tan-Norveġja (50%). Għandha titqabbad gradilja li tissepara bi spazju massimu<br><br>[...]tal-vireg ta' 35 mm jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti.<br><br>Sajd dirett għal gambli komuni u gambli Aesop (50%). Għandha titqabbad xibka ta' tkarkir li tissepara jew gradilja li tissepara f'konformità mar-regoli stabbiliti f'livell nazzjonali jew reġjonali. […] |
| Iżgħar minn 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għaċ-ċiċċirell (90%). |

[…]

[1]Il-bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' bejn it-32 u d-99 mm fit-Tramuntana ta' linja magħquda bil-punti li ġejjin b'punt fil-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit f'latitudni ta' 55ºN, imbagħad fil-Lvant għal latitudni ta' 55º, lonġitudni ta' 5ºE, imbagħad Tramuntana għal latitudni ta' 56ºN u l-Lvant għal punt fil-kosta tal-Punent tad-Danimarka f'latitudni ta' 56°N. Huwa pprojbit li tintuża kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja li jvarja minn 32 sa 119 mm fid-Diviżjoni IIa tal-ICES u dik il-parti tas-Subżona IV tal-ICES għat-Tramuntana ta' 56° 00′ N.

[x]Fis-subdiviżjoni ta' Kattegat, għanda titqabbad pannella b'malji kwadri ta' 120mm (fuq ix-xbieki tat-tkarkir fil-perijodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, u fuq it-tartaruni fil-perijodu mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Ottubru).

[xx] Il-qabda tista' tikkonsisti minn sa 10% ta' bakkaljaw u merluzz tal-linja sewda.

## 2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif

Id-daqsijiet tal-malja li ġejjin għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif għandhom japplikaw fil-Baħar tat-Tramuntana u Skagerrak/Kattegat kif speċifikat fit-tabella ta' hawn taħt:

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 120 mm | Żona sħiħa | Xejn |
| Mill-inqas 100 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-limanda u l-ispnott (70%) |
| Mill-inqas 90[…]mm | Żona sħiħa | Sajd dirett […] għall-pixxiċatt (50%) jew speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid (50%) |
| Mill-inqas 50 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett (80%) għal speċijiet pelaġiċi żgħar |

## Parti C

## Żoni magħluqin jew ristretti

### 1. Għeluq ta' żona biex jiġi protett iċ-ċiċċirell fid-diviżjonijiet IVa u IVb tal-ICES

1.1 Is-sajd għaċ-ċiċċirell bi kwalunkwe rkaptu rmunkat b'qies tal-malja tal-manka inqas minn […] 32mm […] għandu jkun ipprojbit fiż-żona ġeografika li tmiss mal-kosta tal-Lvant tal-Ingilterra u l-Iskozja, u magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema WGS84:

– il-kosta tal-Lvant tal-Ingilterra fuq latitudni ta' 55°30' N

– 55° 30' N, 01° 00' W

– 58° 00' N, 01° 00' W

– 58° 00' N, 02° 00' W

– il-kosta tal-Lvant tal-Iskozja fuq lonġitudni ta' 02°00' W.

1.2 Sajd għall-investigazzjoni xjentifika għandu jitħalla jsir sabiex jiġi ssorveljat l-istokk taċ-ċiċċirell f'din iż-żona u l-effett tal-għeluq.

### 2. Għeluq ta' żona sabiex ikun protett barbun li għadu qed jikber fis-subżona IV tal-ICES

2.1 Bastimenti li jaqbżu tul ta' 8 metri b'kollox għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw xibka tat-tkarkir tal-qiegħ, xibka tat-tkarkir bi travu, tartarun Daniż jew irkaptu rmunkat simili ġoż-żoni ġeografiċi magħluqin billi jingħaqdu sekwenzjalment il-linji rombu mal-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont il-WGS84:

(d) iż-żona ġewwa 12-il mil nawtiku mill-kosta ta' Franza, Tramuntana tal-latitudni 51°00'N, il-Belġju, u n-Netherlands sal-latitudni 53°00'N, imkejla mil-linji bażi;

(e) iż-żona limitata b'linja li tgħaqqad il-koordinati li ġejjin:

(f) punt fuq il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 57°00'N,

– 57°00' N, 7°15' E

– 55°00' N, 7°15' E

– 55°00' N, 7°00' E

– 54°30'N, 7°00' E

– 54°30' N, 7°30' E

– 54°00' N, 7°30' E

– 54°00' N, 6°00' E

– 53°50' N, 6°00' E

– 53°50' N, 5°00' E

– 53°30' N, 5°00' E

– 53°30' N, 4°15' E

– 53°00' N, 4°15' E

– punt fuq il-kosta tan-Netherlands fil-latitudni 53°00'N

– iż-żona ġewwa 12-il mil mill-kosta tal-Punent tad-Danimarka minn 57°00'N fit-tramuntana sal-Fanal ta' Hirtshals, imkejla mil-linji bażi.

2.2 Il-bastimenti li ġejjin għandhom permess jistadu fiż-żona msemmija fil-punt 2.1:

a) - bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom ma taqbiżx il-221kW li jużaw […] xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni Daniżi;

- par bastimenti mqabbla li s-saħħa tal-magni flimkien ma taqbiżx il-221kW fi kwalunkwe ħin li jużaw […] xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi;

b) bastimenti li s-saħħa tal-magna tagħhom taqbeż il-221kW għandhom ikunu permessi jużaw […] xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartaruni Daniżi, u par bastimenti mqabbla li s-saħħa tal-magni flimkien taqbeż il-221kW għandhom ikunu permessi jużaw par […] xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ bil-paranzi dment li dawn il-bastimenti ma jistadux direttament għall-barbun u l-lingwata u jirrispettaw ir-regoli tad-daqs tal-malja rilevanti li hemm fil-Parti B ta' dan l-Anness.

XX Meta l-bastimenti msemmija fil-punt 2.2 a) jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu, it-tul tat-travu, jew ta' kwalunkwe xibka tat-tkarkir aggregata mkejla bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, ma għandux ikun ikbar minn jew ma jistax jiġi estiż għal tul li jkun ikbar minn 9 metri għajr meta joperaw bi rkaptu li jkollu daqs tal-malja ta' bejn is-16 u l-31 millimetru. Il-bastimenti li l-attività ewlenija tagħhom tkun is-sajd għall-gamblu komuni għandhom jitħallew jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu li t-tul aggregat tat-travu tagħhom, imkejjel bħala s-somma tat-tul ta' kull travu, ikun ikbar minn 9 metri meta joperaw bi rkaptu li d-daqs tal-malja tiegħu jkun bejn it-80 u d-99 mm, dment li tkun inħarġet awtorizzazzjoni addizzjonali tas-sajd għal dawk il-bastimenti.

2.3 Bastimenti li jitħallew jistadu fiż-żona msemmija fil-punt 2.1 għandhom jiġu inklużi f'lista li għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni minn kull Stat Membru. Is-saħħa totali tal-magna tal-bastimenti msemmija fil-punt 2.2 (a) fil-lista ma għandhiex taqbeż is-saħħa totali tal-magna attestata għal kull Stat Membru fl-1 ta' Jannar 1998. Il-bastimenti tas-sajd permessi għandu jkollhom awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

**3. Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' xbieki tat-tkarkir bi travu sa 12-il mil mill-kosta tar-Renju Unit**

3.1 Bastimenti għandhom ikunu pprojbiti milli jużaw kwalunkwe xibka tat-tkarkir bi travu ġewwa ż-żoni fi 12-il mil mill-kosti tar-Renju Unit, imkejla mil-linji bażi tal-ibħra territorjali.

3.2 B'deroga mill-punt 3.1, is-sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu ġewwa ż-żona speċifikata għandu jkun permess sakemm:

– Is-saħħa tal-magna tal-bastimenti ma taqbiżx il-221 kW u t-tul totali ma jaqbiżx l-24 metru; u

– It-tul tat-travu jew it-total aggregat tat-travu, imkejjel bħala t-total ta' kull travu mhuwiex aktar minn 9 metri, jew ma jistax jiġi estiż għal tul ikbar minn 9 metri, ħlief fis-sajd dirett għall-*Crangon crangon* b'daqs minimu tal-malja ta' inqas minn 31 mm.

**4. Restrizzjonijiet fuq is-sajd għal-laċċa kaħla sabiex tkun protetta l-aringa fid-diviżjoni IVb tal-ICES**

Is-sajd bi kwalunkwe rkaptu rmunkat b'daqs tal-malja tal-manka ta' inqas minn […] <u>32</u> mm jew xbieki statiċi b'daqs tal-malja inqas minn […] <u>30</u> mm għandu jkun ipprojbit fiż-żoni ġeografiċi magħluqin billi jingħaqdu sekwenzjalment bil-linji rombu l-koordinati li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont il-WGS84 u matul il-perjodi li ġejjin:

– mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa ż-żona statistika 39E8 tal-ICES. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, din iż-żona tal-ICES għandha tkun iż-żona limitata b'linja fil-Lvant mill-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit matul latitudni 55°00'T sa punt f'lonġitudni 1°00'W, minn hemm lejn it-Tramuntana għal punt fil-latitudni 55°30'N u minn hemm lejn il-Punent għall-kosta tar-Renju Unit;

– mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru, ġewwa l-ibħra ta' ġewwa tal-Moray Firth fil-Punent tal-lonġitudni 3°30'W, u fl-ibħra interni ta' Firth of Forth fil-Punent tal-lonġitudni 3°00'W,

– mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Ottubru, ġewwa ż-żona ġeografika limitata mill-koordinati segwenti:

  – il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 55°30'N

  – il-latitudni 55°30'N, il-lonġitudni 7°00'E

  – il-latitudni 57°00'N, il-lonġitudni 7°00'E

  – il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 57°00'N

**5. Dispożizzjonijiet speċifiċi għal Skagerrak u Kattegat fid-diviżjoni IIIa tal-ICES**

5.1 Għandu jkun ipprojbit li jsir sajd bi xbieki tat-tkarkir bi travu f'Kattegat.

5.2 Għandu jkun ipprojbit għal bastimenti tal-Unjoni li jistadu għal, […] iżommu abbord, […] jittrasbordaw, […] iħottu, jaħżnu, ibigħu u juru jew joffru għall-bejgħ salamun u trota tal-baħar. […]

5.3 Għandu jkun ipprojbit li jintuża rkaptu rmunkat b'daqs tal-malja tal-manka ta' inqas minn 32 mm mill-1 ta' Lulju sal-15 ta' Settembru fl-ilmijiet li qegħdin tliet mili nawtiċi mil-linji bażi fi Skagerrak u Kattegat sakemm ma jkunux qed jagħmlu sajd dirett għall-*Pandalus borealis*. […]Għal […] sajd dirett għal eelpout(*Zoarces viviparous*), gobies (*Gobiidae*) jew scorpion fish (*Cottus spp.*) għal użu bħala lixka, jistgħu jintużaw xbieki bi kwalunkwe daqs tal-malja.

**6. Użu ta' xbieki statiċi fid-diviżjoni IIIa u IVa tal-ICES**

6.1 B'deroga mill-Parti B, Punt 2, ta' dan l-Anness, […] għandu jkun permess l-użu tal-irkaptu li ġej f'ilmijiet b'fond indikat fuq il-mappa nawtika ta' inqas minn 600 metru:

– Għażel tal-qiegħ użat għal sajd dirett għall-merluzz (85%) b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 100 mm u mhux aktar minn 100 majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-25 km għal kull bastiment u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa 24 siegħa;

– Xbieki tat-tħabbil użati għal sajd dirett għall-petriċa b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 250 mm u mhux aktar minn 15-il majla fond, fejn it-tul totali tax-xbieki kollha użati ma jaqbiżx il-100 km u l-ħin tal-immersjoni massimu huwa ta' 72 siegħa.

6.2 Sajd dirett għal klieb il-baħar tal-fond kif imniżżel fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru […][9]2016/2336 f'fond indikat fuq il-mappa nawtika ta' inqas minn 600 metru għandu jkun ipprojbit. Meta jinqabdu inċidentalment, klieb il-baħar tal-fond ikklassifikati bħala pprojbiti f'din il-leġislazzjoni jew f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni għandhom, jiġu rreġistrati, sa fejn possibbli mingħajr ma jiġrilhom xejn, u għandhom jinħelsu minnufih. […]. Klieb il-baħar tal-fond soġġetti għal-limiti ta' qbid għandhom jinżammu abbord. Dawn il-qabdiet għandhom jinħattu l-art u jingħaddu fil-kwoti. F'sitwazzjonijiet fejn kwota ma tkunx disponibbli jew ma tkunx disponibbli b'mod suffiċjenti għall-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 105(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009. Meta l-qabdiet inċidentali ta' klieb il-baħar tal-fond mill-bastimenti ta' kwalunkwe Stat Membru jaqbżu l-10 tunnellati, dawn il-bastimenti ma jistgħux igawdu aktar mid-derogi stipulati fil-punt 6.1.

[9] […]

**Parti D**

[…]

1. […]

2. […]

3. […]

**Parti E**

[…]

**L-użu ta' tkarkir bl-impuls elettriku fid-diviżjonijiet IVb u IVc tal-ICES**

1 […]Is-sajd bit-tkarkir bl-impuls elettriku għandu jkun permess fid-diviżjonijiet IVb u IVc tal-ICES bil-kondizzjonijiet definiti skont it-tieni inċiż tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tal-karatteristiċi tal-impuls użat u l-miżuri ta' monitoraġġ tal-kontroll f'posthom fin-Nofsinhar ta' linja rombu magħquda mal-punt li ġejjin, li għandhom jitkejlu skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– punt fuq il-kosta tal-Lvant tar-Renju Unit fil-latitudni 55°N

– il-Lvant għal-latitudni 55°N, lonġitudni 5°E

– it-Tramuntana għal-latitudni 56°N

– il-Lvant għal punt fuq il-kosta tal-Punent tad-Danimarka fil-latitudni 56°N

2. Is-sajd bl-impulsi elettriċi għandu jkun permess biss meta:

(a) mhux aktar minn 5 % tal-flotta tat-tkarkir bi travu ta' kull Stat Membru tuża t-tkarkir bl-impulsi elettriċi;

(b) il-potenza elettrika massima f'kW għal kull xibka tat-tkarkir bi travu ma tkunx aktar mit-tul f'metri tat-travu immultiplikat b'1,25;

(c) il-vultaġġ effettiv bejn l-elettrodi ma jkunx aktar minn 15-il V;

(d) il-bastiment ikun mgħammar b'sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika li tirreġistra l-potenza massima użata għal kull travu u l-vultaġġ effettiv bejn l-elettrodi mill-inqas għall-aħħar 100 ġibda. Ma jkunx possibbli li persunal mhux awtorizzat jimmodifika din is-sistema ta' ġestjoni kompjuterizzata awtomatika;

(e) ikun ipprojbit l-użu ta' katina għall-gambli jew aktar quddiem il-kalament taċ-ċomb.

## ANNESS VI

### Ilmijiet tal-Majjistral

### Parti A

### Daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni

| Speċijiet | Żona sħiħa |
|---|---|
| Bakkaljaw (*Gadus morhua*) | 35 cm |
| Merluzz tal-linja sewda (*Melanogrammus aeglefinus*) | 30 cm |
| Pollakkju iswed (*Pollachius virens*) | 35 cm |
| Pollakkju (*Pollachius pollachius*) | 30 cm |
| Merluzz (*Merluccius merluccius*) | 27 cm |
| Megrim *(Lepidorhombus* spp.) | 20 cm |
| Lingwata komuni (*Solea* spp.) | 24 cm |
| Barbun tat-tbajja' (*Pleuronectes platessa*) | 27 cm |
| Merlangu (*Merlangius merlangus*) | 27 cm |
| Lipp (*Molva molva*) | 63 cm |
| Linarda (*Molva dipterygia*) | 70 cm |
| Skampu (*Nephrops norvegicus*)<br><br>Dnieb tal-Iskampu | Tul totali 85 mm,<br><br>Tul tal-karapaċa ta' 25 mm[1]<br><br>46 mm[2] |

| | |
|---|---|
| Kavalli (*Scomber* spp.) | 20 cm [x] |
| Aringa (*Clupea harengus*) | 20 cm [x] |
| Sawrell (*Trachurus* spp.) | 15-il cm[3] [x] |
| Inċova (*Engraulis encrasicolus*) | 12-il cm jew 90 individwu kull kilo [x] |
| Spnott (*Dicentrarchus labrax)* | 42 cm |
| Sardin (*Sardina pilchardus*) | 11 cm [x] |
| Paġella ħamra (*Pagellus bogaraveo*) | 33 cm |
| Awwista Ewropea (*Hommarus gammarus*) | 87 mm |
| Għaġuża (*Maja squinada*) | 120 mm |
| Imrewħa (*Chlamys* spp*.)* | 40 mm |
| Arzella nigra (*Ruditapes decussatus*) | 40 mm |
| Arzella (*Venerupis pullastra*) | 38 mm |
| Gandoffli tal-għonq qasir (*Venerupis philippinarum*) | 35 mm |
| Gandoffla (*Venus verrucosa*) | 40 mm |
| Kannellina (*Callista chione*) | 6 cm |
| Gandoffla tal-leħja (*Ensis* spp.) | 10 cm |
| Gandoffla Atalantika (*Spisula solida*) | 25 mm |
| Gandoffa Donax (*Donax* spp.) | 25 mm |
| Gandoffla fażola (*Pharus legumen*) | 65 mm |

| | |
|---|---|
| Bronja (*Buccinum undatum.*) | 45 mm |
| Qarnit (*Octopus vulgaris*) | 750 gramma |
| Awwisti (*Palinurus* spp.) | 95 mm |
| Gamblu abjad (*Parapenaeus longirostris)* | 22 mm (tul tal-karapaċa) |
| Granċ jittiekel (*Cancer pagurus*) | 140 mm[3,4] |
| Arzella tal-pellegrini (*Pecten maximus*) | 100 mm[5] |

[1] Fid-diviżjonijiet VIa u VIIa tal-ICES għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' tul totali ta' 70 mm u b'tul tal-karapaċa ta' 20 mm.

[2] Fid-diviżjonijiet VIa u VIIa tal-ICES għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 37 mm.

[3] Fl-ilmijiet tal-Unjoni fis-subżoni V, VI fin-Nofsinhar ta' 56° N u VII tal-ICES, apparti diviżjonijiet VIId, e, f tal-ICES, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 130 mm.

[4] Għal granċijiet li jittieklu maqbudin f'nases u kavetti, massimu ta' 1 % bil-piż tal-qabda totali ta' granċ jittiekel tista' tikkonsisti f'idejn maqlugħin. Għal granċijiet li jittieklu maqbudin bi kwalunkwe rkaptu tas-sajd ieħor, massimu ta' 75 kg ta' idejn maqlugħin ta' granċ jistgħu jinħattu l-art.

[5] Fid-diviżjoni VIIa tal-ICES fit-Tramuntana ta' 52°30'N, u d-diviżjoni VIId tal-ICES, għandu japplika daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni ta' 110 mm.

[x] B'deroga mill-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, id-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni tas-sardina, l-inċova, l-aringa, is-sawrell u l-kavall ma għandhomx japplikaw fi ħdan il-limitu ta' 10 % tal-piż ħaj tal-qabdiet totali miżmuma abbord ta' kull waħda minn dawn l-ispeċijiet.

Il-perċentwal ta' sardin, inċovi, aringi, sawrell jew kavalli li jkunu iżgħar milli suppost għandu jiġi kkalkolat bħala l-proporzjon tal-piż ħaj tal-organiżmi kollha tal-baħar abbord wara li jkunu ġew magħżula jew wara li jkunu nħattu l-art.

Il-perċentwal jista' jiġi kkalkolat fuq il-bażi ta' kampjun rappreżentattiv wieħed jew aktar. Il-limitu ta' 10 % ma għandux jinqabeż matul it-trasbord, ħatt l-art, it-trasport, il-ħażna, il-wiri jew il-bejgħ.

**Parti B**

**Qisien tal-malji**

## 1. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għal irkaptu rmunkat

Id-daqsijiet tal-malja […] li ġejjin għandhom japplikaw fl-ibħra tal-Majjistral.

| […] Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 120 mm[1] | Żona sħiħa | Xejn |
| Mill-inqas 100 mm | Subżona VIIb, c, f-k tal-ICES | Xejn[XXXXX] |
| Mill-inqas […] 80mm[1 x] | […] Subżona VII tal-ICES | Sajd dirett għall-merluzz, il-megrim u l-petriċa (ikkombinat 50%), jew il-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux koperti minn limiti ta' qbid (ikkombinat 50%). Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' 12[…]0mm [XXX].<br><br>F'sajd dirett għal-lingwata (15%) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti[XXXXX] jew speċijiet mhux koperti mil-limiti […] ta' qbid (50%) Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 80 mm [XXX]. |
| Mill-inqas 80 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal *Nephrops norvegicus*[xx] (30%) […][xxx]. Għandha titqabbad pannella b'malji kwadri ta' mill-inqas 120 mm jew gradilja li tissepara bi spazju massimu tal-vireg ta' 35 mm, jew tagħmir ta' selettività ekwivalenti. |
| Mill-inqas 80 mm | Diviżjonijiet VIIa, b, d, e, f, g, h u j tal-ICES | Sajd dirett għal-lingwata (15%) bi xbieki tat-tkarkir bi travu. Għandha titqabbad pannella b'daqs minimu tal-malja ta' mill-inqas 180 mm[XXXX] imwaħħla fin-nofs ta' fuq tal-parti ta' quddiem tax-xibka. |
| Mill-inqas 80 mm | Diviżjonijiet VIId u VIIe tal-ICES | Sajd dirett għall-merlangu, il-kavall u speċijiet mhux koperti minn limiti ta' qbid (ikkombinat 50%) |

| | | |
|---|---|---|
| Mill-inqas 40 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-klamari (85%) (*Lolignidae, Ommastrephidae*) |
| Mill-inqas 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar (80%).<br><br>Sajd dirett għal gambli komuni u gambli Aesop (30%). Għandha titqabbad xibka tat-tkarkir li tissepara jew gradilja li tissepara f'konformità mar-regoli stabbiliti f'livell nazzjonali |
| Iżgħar minn 16-il mm | Żona sħiħa | Sajd dirett (90%) għaċ-ċiċċirell |

[1]Għandu jiddaħħal gradwalment fuq perijodu ta' sentejn mid-data tal-adozzjoni. Għad-Diviżjonijiet VIId u VIIe tal-ICES għandu japplika daqs tal-malja ta' mill-inqas 100 mm.

[x] Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/2002.

[xx] Għandu japplika daqs tal-malja ta' mill-inqas 70 mm għal bastimenti tat-tip 'single rig' fid-diviżjoni VIIa tal-ICES.

[xxx] Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2 (5) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 737/2012.

[xxxx]Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għad-diviżjoni VIId tal-ICES.

[xxxxx] Il-kompożizzjoni tal-qabda tista' tikkonsisti minn sa 10% ta' bakkaljaw u merluzz tal-linja sewda.

## 2. Daqsijiet tal-malja ta' referenza għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif

Id-daqsijiet tal-malja għax-xbieki statiċi u l-għażel tat-tisqif li ġejjin għandhom japplikaw fl-ilmijiet tal-Majjistral.

| Daqs tal-Malja | Żoni Ġeografiċi | Kondizzjonijiet |
|---|---|---|
| Mill-inqas 120mm[x] | Żona sħiħa | Xejn |
| Mill-inqas 100 mm[1] | Żona sħiħa | Sajd dirett għall-[...]pixxiċatt (50%) [+] jew speċijiet mhux soġġetti għal limiti ta' qbid (50%)<br><br>Sajd dirett għal-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu, il-limanda u l-ispnott (70%) |
| Mill-inqas 50 mm | Żona sħiħa | Sajd dirett għal speċijiet pelaġiċi żgħar (80%)<br><br>Sajd dirett għat-trilja tal-ħama (30%) |

[1] Għandu japplika 90 mm fi VIId

[X] Meta jsir sajd għall-petriċa (30%) għandu jintuża daqs tal-malja ta' mill-inqas 220 mm. Meta jsir sajd dirett (50%) għall-pollakkju u l-merluzz fid-diviżjonijiet VIId u VIIe tal-ICES għandu jintuża daqs tal-malja ta' mill-inqas 110 mm.

## Parti C

## Żoni magħluqin jew ristretti

### 1. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw fid-diviżjoni VIa tal-ICES

Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu, u mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru kull sena, għandu jkun ipprojbit li ssir kwalunkwe attività tas-sajd li tuża kwalunkwe rkaptu rmunkat jew xbieki statiċi fiż-żona magħluqa billi jingħaqdu sekwenzjalment mal-linji rombu l-koordinati li ġejjin, imkejla skont is-sistema ta' koordinati WGS84:

– 55°25' N, 7°07' W

– 55°25' N, 7°00' W

– 55°18' N, 6°50' W

– 55°17' N, 6°50' W

– 55°17' N, 6°52' W

– 55°25 N, 7°07 W

### 2. Żona magħluqa għall-konservazzjoni tal-bakkaljaw fid-diviżjonijiet VIIf u g tal-ICES

2.1 Mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu, għandha tkun ipprojbita kwalunkwe attività tas-sajd fir-rettangoli statistiċi tal-ICES li ġejjin: 30E4, 31E4, 32E3. Din il-projbizzjoni ma għandhiex tapplika 'l ġewwa minn 6 mili nawtiċi mil-linja bażi.

2.2 Għandu jkun permess li jsiru attivitajiet tas-sajd bl-użu ta' nases u kavetti ġoż-żoni u perjodi ta' żmien speċifikati, diment li:

(i) ebda rkaptu tas-sajd għajr nases u kavetti ma jinġarr abbord, u

(ii) qabdiet aċċessorji ta' speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art għandhom jinħattu l-art u jingħaddu skont il-kwoti.

